Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10119/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0171(COD)

TRANS 219
MAR 79
IA 131
CODEC 1014
OMI 48
DROIPEN 82
ENV 620

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 1 ta' Ġunju 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 273 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 273 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 273 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.6.2023
COM(2023) 273 final

2023/0171 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 209 final} - {SWD(2023) 159 final} - {SWD(2023) 164 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna modifika tad-Direttiva 2005/35/KE[1] dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal reati ta' tniġġis kif emendata mid-Direttiva 2009/123/KE[2].

Il-politiki dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri ġew żviluppati bejn l-2000 u l-2009, wara żewġ inċidenti marittimi kbar li kienu jinvolvu l-vapuri *Erika* u *Prestige*, li kkawżaw tixrid sostanzjali ta' żejt[3]. Id-Direttiva 2005/35/KE (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva SSP" jew "id-Direttiva") tirregola l-penali għall-iskariki illegali taż-żejt u ta' sustanzi likwidi noċivi minn vapuri fil-baħar. Mhux l-iskart kollu li jiġi ġġenerat fuq il-vapuri għandu jiġi kkonsenjat fil-portijiet. Parti minnu jista' jiġi skarikat fil-baħar. Skariku illegali huwa skariku minn vapur li ma jissodisfax ir-regoli rilevanti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), jiġifieri l-istandards stabbiliti fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (Marpol 73/78).

L-objettiv ewlieni tad-Direttiva huwa li tinkorpora dawn l-istandards internazzjonali fid-dritt tal-UE u li tiżgura li dawk responsabbli għall-iskariku illegali ta' sustanzi niġġiesa jiġu soġġetti għal penali dissważivi, effettivi u proporzjonati sabiex tittejjeb is-sikurezza marittima u biex l-ambjent tal-baħar jiġi protett aħjar mit-tniġġis ikkawżat mill-vapuri.

Id-Direttiva tistabbilixxi sistema ta' infurzar fejn l-attivitajiet ta' monitoraġġ u verifika mwettqa mill-Istati Membri jwasslu għal penali fuq dawk responsabbli għall-ksur. Il-proċess jinqasam fi tlieta: l-ewwel, l-għodod ta' sorveljanza jidentifikaw skariku potenzjali minn vapur; it-tieni, l-awtorità kompetenti tiddeċiedi jekk tibgħatx dgħajsa jew inġenju tal-ajru biex tiċċekkja fuq il-post jekk it-tniġġis jistax jiġi kkonfermat; it-tielet, tinġabar evidenza u, jekk jiġi identifikat it-trasgressur, jiġu applikati l-penali. L-impożizzjoni ta' penali għal reati ta' tniġġis minn vapuri ssib l-oriġini tagħha fid-dritt internazzjonali. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) tispeċifika, fost l-oħrajn, li Stat jista' jimponi penali għat-tniġġis imwettaq minn bastiment barrani f'każ ta' ħsara kbira lill-Istat kostali jew jekk l-Istat tal-bandiera inkwistjoni ripetutament ma jkunx ħares l-obbligi ta' infurzar tiegħu. L-Istati tal-bandiera tal-UE huma meħtieġa wkoll li jimponu penali f'konformità mal-UNCLOS fuq il-vapuri tagħhom jekk jiskarikaw sustanzi niġġiesa b'mod illegali fil-baħar fl-UE jew barra minnha.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jafferma mill-ġdid l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tipproteġi l-popolazzjoni tagħha minn riskji u impatti relatati mal-ambjent, filwaqt li tistabbilixxi t-triq lejn pjaneta sana għal kulħadd. Din il-proposta hija waħda mill-inizjattivi tal-UE mmirati lejn it-tnaqqis tat-tniġġis mit-trasport marittimu fl-ibħra tagħha u hija konformi mal-istrateġija ta' mobbiltà intelliġenti u sostenibbli[4] u mal-pjan ta' azzjoni għal tniġġis żero[5].

---

[1] ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11

[2] ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52.

[3] Aċċident ta' MV Erika fl-1999, Franza (20,000 tunnellata ta' żejt), aċċident ta' MV Prestige fl-2002, Spanja (63 000 tunnellata ta' żejt).

[4] COM(2020) 789 final

[5] COM(2021) 400 final

Il-Kummissjoni wettqet l-ewwel evalwazzjoni *ex post* tad-Direttiva fl-2022 u sabet li din ikkontribwiet b'suċċess għall-inkorporazzjoni ta' regoli internazzjonali dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri fid-dritt tal-Istati Membri u tejbet l-individwazzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri. B'mod partikolari, id-Direttiva kienet l-impetu wara l-ħolqien tas-servizz CleanSeaNet – servizz tal-UE għall-monitoraġġ tat-tixrid taż-żejt ibbażat fuq is-satelliti u s-servizz ta' rilevament tal-bastimenti ġestit mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA).

Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat għadd ta' nuqqasijiet: (1) il-kamp ta' applikazzjoni attwali tad-Direttiva ma jkoprix is-sustanzi niġġiesa rilevanti kollha tar-reġim internazzjonali, eż. l-iskart jew l-iskariki tad-drenaġġ fil-baħar; (2) l-iskambju ta' informazzjoni u/jew l-għarfien espert biex jiġi identifikat, ivverifikat u ppenalizzat b'mod effettiv it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri huma irregolari madwar l-Istati Membri tal-UE u ġeneralment insuffiċjenti; (3) hemm effett dissważiv żbilanċjat tal-penali li bħalissa huma applikati madwar l-UE għat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri; (4) ir-rapportar attwali mill-Istati Membri mhuwiex komplut u jirriżulta f'nuqqas ta' informazzjoni dettaljata dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u dwar il-penali relatati imposti madwar l-UE maż-żmien.

Fid-dawl ta' dan, it-trasgressuri li jarmu sustanzi niġġiesa b'mod illegali mhux dejjem jiġu identifikati, u rarament jiġu ppenalizzati. Għal din ir-raġuni, tħejjiet proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2005/35/KE. L-objettivi speċifiċi tar-reviżjoni huma li: (1) jinkorporaw standards internazzjonali fid-dritt tal-UE billi jallinjaw id-Direttiva mal-Annessi tal-Marpol dwar l-iskariki fil-baħar; (2) jappoġġaw lill-Istati Membri billi jibnu l-kapaċità tagħhom li jidentifikaw inċidenti ta' tniġġis, jivverifikaw, jiġbru evidenza u jippenalizzaw b'mod effettiv lit-trasgressuri identifikati fil-ħin u b'mod armonizzat; (3) jiżguraw li l-persuni (fiżiċi u ġuridiċi) responsabbli għall-iskariki illegali mill-vapuri jkunu soġġetti għal penali effettivi, proporzjonati u dissważivi; u (4) jiżguraw rapportar simplifikat u effettiv dwar inċidenti ta' tniġġis ikkawżati minn vapuri u attivitajiet ta' segwitu.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Hemm rabta mill-qrib mad-Direttiva (UE) 2019/883[6] dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet (PRF) għall-konsenja ta' skart tal-vapuri. Id-Direttiva (UE) 2019/883 introduċiet regoli aktar b'saħħithom u monitoraġġ aħjar tal-konsenja tal-iskart tal-vapuri fil-portijiet. Dan sarraf f'kapaċità aħjar fil-portijiet biex jirċievu skart mill-vapuri u inqas skart mormi fil-baħar. Madankollu, xi vapuri xorta jistgħu jiddeċiedu li jiskarikaw l-iskart illegali fil-baħar, biex jevitaw li jħallsu għall-PRF, speċjalment peress li d-Direttiva 2005/35/KE dwar l-iskariki illegali ma tkoprix l-istess sustanzi (għalhekk ma setgħux jiġu ppenalizzati skont id-Direttiva 2005/35/KE). Din hija r-raġuni għaliex, fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Direttiva 2019/883, il-koleġiżlaturi talbu rieżami tad-Direttiva 2005/35/KE biex jaqbel mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/883 u biex il-penali jsiru proporzjonati. B'mod speċifiku, il-vapuri għandhom jiġu skoraġġuti milli jiksru d-dritt tal-UE permezz ta' sistema b'saħħitha ta' penali proporzjonati u effettivi b'mod parallel mas-soluzzjonijiet għall-ġbir tal-iskart offruti fil-portijiet tal-UE. Dawn iż-żewġ Direttivi jiżguraw b'mod konġunt li l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkonformaw mal-obbligi tagħhom relatati mat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri skont il-Marpol 73/78.

6 ĠU L xxxx.

Għalhekk qiegħed jiġi propost li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jiġi allinjat ma' dak tad-Direttiva 2019/883/KE[7] sabiex tittejjeb il-prevenzjoni tat-tniġġis għall-ambjent tal-baħar fl-Ewropa.

Il-proposta hija konsistenti mad-Direttiva 2009/16/KE[8] dwar il-kontroll mill-Istat tal-port, mad-Direttiva 2009/18/KE[9] dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi u mad-Direttiva 2009/21/KE[10] dwar ir-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera. It-tliet Direttivi tal-UE dwar is-sikurezza marittima huma bbażati fuq ir-regoli u l-istandards stabbiliti mill-IMO fil-livell internazzjonali u huma komplementari għal xulxin u għal din id-Direttiva. Id-Direttiva dwar l-Istat tal-bandiera tistabbilixxi regoli għall-ispezzjonijiet tal-vapuri u għas-sorveljanza tal-flotta għall-amministrazzjonijiet tal-Istati tal-bandiera tal-UE li huma rilevanti għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar fl-UE u barra minnha. Meta regoli ambjentali aktar b'saħħithom isiru effettivi skont il-konvenzjonijiet internazzjonali, ir-responsabbiltà tal-Istat tal-bandiera li jinfurzahom tiġi estiża awtomatikament. Id-Direttiva dwar il-kontroll mill-Istat tal-port hija rilevanti wkoll hawnhekk peress li tappoġġa, permezz tal-ispezzjonijiet meħtieġa, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tan-nuqqas ta' konformità mhux biss mas-sikurezza iżda wkoll mar-regoli u l-istandards dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis. Fir-rigward tal-aċċidenti marittimi, dawn mhux biss jikkawżaw vittmi u telf ekonomiku iżda jista' jkollhom impatt dirett fuq l-ambjent, eż. it-tniġġis miż-żejt, u għalhekk ir-rabta mad-Direttiva SSP li tindirizza dan it-tniġġis.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

Id-Direttiva riveduta hija komplementari għad-Direttiva (UE) 2023/xxxx[11] dwar il-kriminalità ambjentali. Id-Direttiva (UE) 2023/xxxx introduċiet sanzjonijiet kriminali għal reati ambjentali serji inklużi reati ta' skariku illegali mill-vapuri. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet kriminali fid-Direttiva 2005/35/KE ma għadhomx meħtieġa minħabba li l-pieni kriminali għar-reati tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri huma previsti mid-Direttiva (UE) 2023/xxxx. Konsegwentement, din il-proposta tneħħi mid-Direttiva 2005/35/KE d-dispożizzjonijiet kriminali tal-Artikoli 5 u 8. Id-Direttiva 2005/35/KE tkompli tinkludi d-dispożizzjonijiet settorjali dwar l-obbligi u l-projbizzjonijiet rilevanti (eż. id-definizzjoni ta' skariki illegali) u tipprevedi penali amministrattivi għat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri meta l-att ma jikkwalifikax għal proċedimenti kriminali. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-isforzi nazzjonali ta' infurzar, ir-reġimi ta' infurzar amministrattivi u kriminali jridu jitqiesu bħala partijiet interkonnessi ta' sistema waħda u għandhom jeżistu flimkien.

Id-Direttiva 2008/56/KE[12] dwar il-qafas tal-istrateġija marina hija l-istrument legali prinċipali tal-UE għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ambjent marin, l-ispeċijiet u l-ħabitats tiegħu. Din tinkorpora l-approċċ tal-ekosistema għall-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem (inklużi s-sajd, it-turiżmu, ir-rikreazzjoni) li għandhom impatt fuq l-ambjent marin. Id-Direttiva 2005/35/KE tikkontribwixxi għall-objettivi tad-Direttiva 2008/56/KE billi tintroduċi penali dissważivi għall-iskariki illegali ta' sustanzi niġġiesa minn vapuri fl-ibħra kollha fl-Ewropa.

---

7 L-Anness III mhuwiex kopert skont id-Direttiva (UE) 2019/883 minħabba li l-oġġetti imballati ma jitqisux bħala skart. Madankollu, qiegħed jiġi propost li l-Anness III jiġi kopert skont id-Direttiva 2005/35/KE minħabba li ma jistax jiġi eskluż li jista' jkun hemm skariku illegali ta' oġġetti imballati fil-baħar, f'liema każ għandha tapplika d-Direttiva 2005/35/KE.

8 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57

9 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114

10 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132

11 ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28.

12 ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

Il-proposta tappoġġa wkoll il-proposti finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, b'mod partikolari l-proposti dwar l-indirizzar tat-tniġġis, b'mod aktar speċifiku l-proposta 2.7 biex "jkun missielet … it-tniġġis tal-oċeani, inkluż permezz … ikun promoss tbaħħir ekoloġiku bl-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli …". L-UE hija impenjata wkoll lejn l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, li l-SDG 14 tagħha ("Jiġu kkonservati u użati b'mod sostenibbli l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi marini għall-iżvilupp sostenibbli") huwa l-aktar rilevanti għal din il-proposta.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

It-Titolu VI (l-Artikoli 90-100) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE) jistabbilixxi l-prerogattiva tal-UE li tagħmel dispożizzjonijiet għall-politika komuni tat-trasport, li tagħti lill-UE d-dritt li taġixxi fuq it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri. F'konformità mal-Artikolu 100(2) tat-TFUE, il-leġiżlatur tal-UE jista' jistabbilixxi dispożizzjonijiet xierqa għat-trasport bil-baħar. L-Artikolu 91(1)(a) tat-TFUE jistipula li l-UE għandha kompetenza fil-qasam tat-trasport biex tistabbilixxi regoli komuni applikabbli għat-trasport internazzjonali. Fid-dawl ta' dan, id-Direttiva riveduta tkun ibbażata fuq l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà**

It-tniġġis ikkawżat mill-vapuri tipikament iwassal għal ħsara b'implikazzjonijiet transfruntiera. Minħabba l-impatt transfruntier frekwenti tat-tniġġis tal-baħar u l-fatt li l-awturi jaġixxu bejn il-fruntieri, l-azzjoni mill-Istati Membri waħedhom ma tkunx biżżejjed biex tiġi indirizzata din il-problema. L-approċċi nazzjonali diverġenti dwar din il-kwistjoni jfixklu l-kooperazzjoni effiċjenti bejn l-Istati Membri u jippermettu lit-trasgressuri jaħarbu mill-penali.

Peress li l-Istati Membri kollha rratifikaw il-Marpol 73/78, huma setgħu potenzjalment inkorporaw standards internazzjonali dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri għalihom waħedhom. Madankollu, id-Direttiva tittrasponi u tikkomplementa r-reġim internazzjonali billi: (1) tgħin lill-Istati Membri biex jidentifikaw it-trasgressuri billi jipprovdu informazzjoni ta' sorveljanza bis-satellita dwar it-tixrid potenzjali taż-żejt; u (2) tipprovdi reġim ta' responsabbiltà li jiffaċilita l-penalizzazzjoni tan-niġġiesa. Il-valur miżjud ta' din il-proposta huwa li se tikkomplementa l-qafas internazzjonali bir-reġim ta' responsabbiltà (billi tiċċara r-reġim eżistenti) u b'informazzjoni aħjar għall-Istati Membri (bis-saħħa ta' sorveljanza mtejba li tkopri aktar tipi ta' sustanzi niġġiesa u skambju ta' informazzjoni bbażati fuq għodod diġitali tal-UE). Ir-reviżjoni għandha wkoll l-għan li tintroduċi dispożizzjonijiet ġodda dwar il-penali mingħajr ma taffettwa d-Direttiva (UE) 2023/xxxx. Dawn l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu jekk l-Istati Membri jaġixxu waħedhom. Huma meħtieġa qafas legali armonizzat u għodod diġitali komuni. Pereżempju, is-sorveljanza bis-satellita pprovduta minn CleanSeaNet tirrappreżenta valur tajjeb minħabba l-ekonomiji ta' skala. L-azzjoni fil-livell tal-UE tkun aktar effettiva minn azzjoni fil-livell nazzjonali minħabba l-effett deterrenti aktar b'saħħtu tagħha fuq dawk li jwettqu reati li jaġixxu bejn il-fruntieri.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tħejjiet fid-dawl tal-aħħar żviluppi fix-xena internazzjonali u r-riżultati tal-evalwazzjoni *ex post*. Il-Kummissjoni wettqet ukoll valutazzjoni tal-impatt biex tidentifika u tivvaluta modi alternattivi biex jintlaħqu l-istess objettivi.

L-estensjoni proposta tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex tkopri l-Annessi kollha tal-Marpol 73/78 (jiġifieri s-sustanzi kollha koperti minn Marpol 73/78 u skarikati illegalment mill-vapuri fil-baħar) għandha l-għan li tipprevjeni aħjar it-tniġġis fl-ambjent tal-baħar u li tallinja mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2019/883/KE. L-infurzar tad-Direttiva (UE) 2019/883 huwa, flimkien mad-Direttiva 2005/35/KE, komponent ewlieni tal-miżuri għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri. Barra minn hekk, il-proposta tiffoka fuq is-sostenn tekniku lill-Istati Membri permezz ta' pjattaformi ta' taħriġ, gwida, skambji tal-aħjar prattiki u l-promozzjoni tal-użu ta' għodod diġitali tal-UE għall-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni. Il-proposta ma tistabbilix approċċ regolatorju strett dwar il-livelli ta' penali jew mira obbligatorja ewlenija għall-attivitajiet ta' verifika tal-Istati Membri. Minflok, tindirizza l-problema b'mod proporzjonat billi tipprovdi informazzjoni aħjar dwar it-tixrid potenzjali minn servizz ċentrali u kosteffettiv u tikkondividi l-informazzjoni biex l-attivitajiet ta' verifika jsiru aktar immirati, sabiex ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi. Il-proposta tibbaża wkoll fuq kjarifiki tar-reġim ta' responsabbiltà eżistenti, dispożizzjonijiet aktar dettaljati dwar id-determinazzjoni tal-livell u t-tip ta' penali bil-ħsieb li n-niġġiesa jiġu ppenalizzati b'suċċess għal aktar tipi ta' sustanzi niġġiesa. L-ebda dispożizzjoni dettaljata ma hija proposta f'oqsma fejn l-objettivi jistgħu jintlaħqu aħjar b'azzjoni f'oqsma ta' politika oħrajn.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-emendi jikkonċernaw id-Direttiva 2005/35/KE biss, Direttiva emendatorja hija l-aktar strument legali xieraq.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Id-Direttiva kienet soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* "back-to-back" (jiġifieri l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tnedew fl-istess ħin). Id-*data* disponibbli għall-evalwazzjoni ma kinitx robusta biżżejjed biex issir valutazzjoni *ex post* kompluta għall-Istati Membri kollha. Id-*data* rappreżentattiva ma kinitx disponibbli biex jitkejlu l-indikaturi rilevanti, eż. il-proporzjon ta' inċidenti ta' tniġġis identifikati ta' sustanzi tat-tip tal-Anness I u II tal-Marpol 73/78 soġġetti għal penali. Minkejja l-limitazzjonijiet, l-evalwazzjoni tagħti stampa tal-informazzjoni eżistenti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-objettivi tad-Direttiva ma ntlaħqux bis-sħiħ u li l-kamp ta' applikazzjoni tas-sustanzi niġġiesa koperti mid-Direttiva huwa ristrett wisq. Id-Direttiva stabbiliet qafas legali komuni għar-reati ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri fl-UE, iżda l-effettività tagħha kienet limitata. Hija integrat ir-regoli tal-Marpol 73/78 fid-dritt tal-UE u żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tkun allinjata wkoll, iżda d-*data* li tikkwantifika r-rwol li d-Direttiva kellha fil-prattika hija nieqsa. Id-Direttiva rriżultat f'għodda ta' sorveljanza bis-satellita b'suċċess għall-monitoraġġ tat-tniġġis miż-żejt – is-servizz CleanSeaNet. Madankollu, dan ma jsolvix kompletament il-problema tal-identifikazzjoni tan-niġġiesa minħabba li sa issa, l-akkuratezza tas-sorveljanza bis-satellita kienet limitata. Xi aspetti ta' verifika setgħu ġew ġestiti b'mod aktar effettiv. Pereżempju, ħafna tixrid ma jiġix ivverifikat fuq il-post u l-Istati Membri setgħu kienu qed jirreġistraw aktar *data* dwar il-feedback fi CleanSeaNet. Id-Direttiva ma laħqitx bis-sħiħ l-eżitu antiċipat dwar il-prosekuzzjoni tat-trasgressuri. L-evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li hija meħtieġa aktar kjarifika dwar ir-reġim ta' responsabbiltà eżistenti u aktar dettalji dwar il-livell u t-tip ta' penali fid-Direttiva.

Madankollu, il-konklużjoni ewlenija tal-evalwazzjoni kienet il-ħtieġa li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġi estiż biex ikopri l-firxa sħiħa ta' skariki ta' sustanzi niġġiesa fil-baħar irregolat skont il-Marpol 73/78.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-attivitajiet ewlenin ta' konsultazzjoni għall-evalwazzjoni *ex post* u għall-valutazzjoni tal-impatt kienu jinkludu:

- Konsultazzjoni pubblika miftuħa, organizzata mill-Kummissjoni, li saret mid-9 ta' Diċembru 2021 sat-3 ta' Marzu 2022. Il-konsultazzjoni pubblika ressqet mistoqsijiet kemm dwar il-valutazzjoni tal-impatt kif ukoll dwar l-evalwazzjoni. Il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati kien baxx, u t-tweġibiet ġew sottomessi minn 30 rispondent biss.

- Żewġ stħarriġiet immirati tal-partijiet ikkonċernati biex tinġabar informazzjoni speċifika, wieħed għall-evalwazzjoni u l-ieħor għall-valutazzjoni tal-impatt, organizzati mill-konsulent inkarigat mill-istudju ta' sostenn estern, li saru, rispettivament, minn Diċembru 2021 sa Frar 2022 u minn Ġunju sa Lulju 2022.

- Tliet sensiliet ta' intervisti ma' rappreżentanti fil-livell tal-UE ta' partijiet ikkonċernati ewlenin organizzati mill-konsulent inkarigat mill-istudju ta' sostenn estern, li saru b'mod intermittenti bejn Novembru 2021 u Settembru 2022, biex jimtlew talbiet speċifiċi ta' informazzjoni, b'appoġġ għall-evalwazzjoni u biex jiġu rfinati d-definizzjoni ġenerali tal-problema u l-għażliet ta' politika possibbli.

- Attivitajiet addizzjonali ta' konsultazzjoni mmirata organizzati mill-Kummissjoni biex jiġu kkonsultati l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin dwar miżuri ta' politika possibbli u r-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt. Dawn l-attivitajiet saru matul laqgħa tal-Kumitat tal-UE dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis Ikkawżat mill-Vapuri (2 ta' Ġunju 2022), laqgħat tal-Forum Ewropew dwar it-Trasport Marittimu Sostenibbli (18 ta' Mejju 2022 u 18 ta' Jannar 2023) u s-sottogrupp tiegħu: Skart mill-Vapuri (22 ta' Marzu 2022, 4 ta' Ġunju 2022 u 14 ta' Frar 2023), mid-Diretturi tat-Trasport Marittimu tal-UE/taż-ŻEE (3 ta' Ottubru 2022) u mill-Investigaturi u Prosekuturi tan-Network tal-Baħar tat-Tramuntana (25 ta' April 2022). Fit-22 ta' Settembru 2022 ġie organizzat workshop finali biex jiġu vvalidati l-konklużjonijiet tal-istudju ta' sostenn li attendew għalih l-Istati Membri, l-NGOs u r-rappreżentanti tal-industrija.

L-informazzjoni miġbura mill-partijiet ikkonċernati kienet kruċjali biex il-Kummissjoni tkun tista' tirfina l-għażliet ta' politika u tivvaluta l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom, u mbagħad tqabbilhom u tagħżel l-għażla ppreferuta. Is-sejbiet minn dawk il-proċessi kkomplementaw ir-riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni mwettqa bħala parti mill-istudju ta' sostenn estern.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Dan ir-rieżami jibni primarjament fuq id-*data* miġbura matul l-evalwazzjoni *ex post*. Il-Kummissjoni ġabret pariri tekniċi estensivi minn diversi studji ta' esperti inkluż studju preparatorju komprensiv għar-rieżami tad-Direttiva. L-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-atturi tal-industrija u s-soċjetà ċivili ntalbu jipprovdu kontribut għat-tħejjija tal-istudju.

It-tħejjija ta' din il-proposta kienet teħtieġ ukoll kontribut minn esperti mill-Kummissjoni u mill-EMSA dwar il-formulazzjoni konkreta ta' definizzjonijiet tekniċi u abbozzar legali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta leġiżlattiva hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt. Tliet għażliet ta’ politika, li jkopru miżuri ta’ politika differenti, ġew eżaminati f’termini tal-effettività tagħhom fl-ilħuq tal-objettivi kif ukoll f’termini tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tagħhom. Għal kull objettiv speċifiku, ġew identifikati serje ta’ miżuri. Il-miżuri, li huma komplementari u mhux esklużivi b’mod reċiproku, ġew maqsumin fi tliet għażliet ta’ politika. It-tliet għażliet ta’ politika kollha kienu jinvolvu l-allinjament tal-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE mal-Annessi tal-Marpol 73/78 u li jkopru dawn l-iskariki fil-baħar.

- Għażla A tħalli l-aktar diskrezzjoni lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-istandards tal-Marpol 73/78, filwaqt li żżomm il-livell ta’ sostenn tal-UE għoli biżżejjed (taħriġ, gwida, għodod diġitali, aċċess għall-informazzjoni dwar tixrid possibbli). Hija żżomm lill-Istati Membri responsabbli biex jinfurmaw lill-pubbliku permezz ta’ siti web nazzjonali. Din l-għażla tieħu approċċ nazzjonali fid-determinazzjoni tat-tip ta’ penali u ma tirregolax il-livell ta’ penali. Fil-qosor, hemm aktar adattabilità għall-Istati Membri taħt din l-għażla b’intervent minimu tal-UE.

- Għażla B (l-għażla ppreferuta) tiffoka fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri l-aktar billi ssaħħaħ is-sostenn tal-UE (taħriġ, gwida, għodod diġitali, aċċess għall-informazzjoni dwar tixrid possibbli). Din tipprevedi kriterji għad-determinazzjoni tal-livelli ta’ penali u hija mistennija li tipprovdi struttura għall-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u ssaħħaħ l-azzjoni ta’ infurzar tal-Istati Membri permezz ta’ sostenn tekniku mill-EMSA, mingħajr ma tintroduċi miżuri u kostijiet regolatorji ġodda kbar għall-Istati Membri.

- Għażla C tiffoka fuq azzjoni regolatorja aktar b’saħħitha tal-UE biex tikkomplementa l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri. Din tobbliga lill-Istati Membri jivverifikaw mill-inqas 60 % tal-allerti ta’ CleanSeaNet tagħhom u hija mistennija li tiġġenera kostijiet ogħla ta’ infurzar. Dwar il-livelli ta’ penali, din issaħħaħ b’mod speċifiku l-armonizzazzjoni madwar l-UE billi tistabbilixxi l-valuri tagħhom. Min-naħa l-oħra, din tipprovdi l-istess struttura għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri bħaż-żewġ għażliet l-oħra (taħriġ, gwida, għodod diġitali, aċċess għall-informazzjoni dwar tixrid possibbli).

L-għażla ta’ politika mressqa minn din il-proposta hija l-Għażla B minħabba li ġiet ivvalutata bħala l-aktar effiċjenti u proporzjonata. Madankollu, hemm lakuni serji fid-*data*, input baxx tal-partijiet ikkonċernati u inċertezza għolja dwar l-impatti, speċjalment il-benefiċċji ambjentali stmati għat-tliet għażliet. L-Għażliet B u C huma aktar effiċjenti mill-Għażla A, speċifikament bis-saħħa tal-benefiċċji li jiġu pprovduti soluzzjonijiet armonizzati fil-livell tal-UE, meta mqabbla ma’ approċċi nazzjonali multipli.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ opinjoni pożittiva (b’riżervi) dwar il-valutazzjoni tal-impatt fis-27 ta’ Marzu 2023. L-Anness I tal-valutazzjoni tal-impatt jispjega kif il-kummenti tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ġew indirizzati fir-rapport.

Waħda mill-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt indikat il-limitazzjonijiet għall-valutazzjoni li kienu rriżultaw mill-iskarsezza tad-*data*. Għal din ir-raġuni u lil hinn mill-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li tipproponi miżura addizzjonali li tiffaċilita ġbir aktar omoġenju ta’ *data* u tipprovdi għal aktar viżibbiltà fir-rigward tal-monitoraġġ effettiv imwettaq mill-Istati Membri u l-proporzjon relatat ta’ inċidenti ta’ tniġġis reali. Il-miżura proposta se tikkomplementa l-miżuri fl-għażla ppreferuta skont il-valutazzjoni tal-impatt (l-Għażla B) billi tinċentiva monitoraġġ aħjar permezz ta’ obbligu għal kull Stat Membru biex jivverifika mill-inqas 10 % tat-twissijiet mibgħuta minn

CleanSeaNet kull sena. Dan il-livell limitu ta' verifika għandu effett żgħir fuq il-kostijiet (EUR 0,5 sa EUR 0,8 miljun fis-sena), minħabba li diġà ntlaħaq mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, filwaqt li l-Kummissjoni temmen li se tinċentiva monitoraġġ aktar effettiv tad-Direttiva u se tgħin biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni mill-Istati Membri kollha. Din il-miżura addizzjonali ma tbiddilx b'mod sinifikanti l-klassifikazzjoni tal-għażliet u s-selezzjoni tal-għażla politika ppreferuta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-enfasi tal-proposta hija fuq iż-żieda fl-effiċjenza tal-miżuri eżistenti minħabba li din hija Direttiva li ilha tevolvi mill-2005 u ġiet emendata fl-2009 b'rispons għal żviluppi ġodda, inklużi deċiżjonijiet tal-qorti, obbligi internazzjonali skont il-Marpol 73/78 u bidliet fit-teknoloġiji. Xi kjarifiki u simplifikazzjonijiet se jiġu introdotti fid-Direttiva riveduta. Dan jinkludi kjarifiki dwar ir-reġim ta' responsabbiltà eżistenti u s-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, b'enfasi fuq soluzzjonijiet diġitali.

Il-proposta mahijiex mistennija li tirriżulta f'kostijiet amministrattivi addizzjonali jew f'kostijiet ta' aġġustamenti għas-settur privat jew għall-pubbliku. Jistgħu jkunu mistennija aktar penali għall-vapuri li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Marpol 73/78. Mil-lat pożittiv, il-kundizzjonijiet ekwivalenti għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-operaturi tal-vapuri konformi. Barra minn hekk, in-negozji u speċjalment il-pubbliku ġenerali se jibbenefikaw mit-tnaqqis fit-tniġġis ikkawżat mill-vapuri.

Il-proposta ma tinkludix rekwiżiti għall-operaturi tal-vapuri u għalhekk mhijiex mistennija li jkollha impatt fuq l-SMEs. Din ma toħloqx obbligi ġodda għan-negozji u ma jkollhiex impatt fuq il-kostijiet tagħhom. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex tkopri sustanzi addizzjonali skont il-Marpol 73/78 tista' tkun rilevanti għall-opri tal-baħar li jintużaw għar-rikreazzjoni u għall-bastimenti tas-sajd, segmenti tas-settur b'parteċipazzjoni għolja tal-SMEs. Madankollu, il-fatt li din l-estensjoni hija ffukata fuq l-infurzar ta' standards internazzjonali jfisser li s-settur tat-tbaħħir irid jikkonforma ma' dawn l-istandards mad-Direttiva jew mingħajrha u mhu mistenni l-ebda impatt fuq il-kostijiet għall-SMEs konformi. Għalhekk, l-inizjattiva titqies bħala mhux rilevanti għall-SMEs.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, bħala strument tad-dritt primarju tal-UE, tistabbilixxi d-drittijiet fundamentali li jgawdu n-nies madwar l-UE. B'mod ġenerali, il-proposta hija mistennija li tipproteġi aħjar id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet individwali, speċjalment fir-rigward tal-ġustizzja, il-proċessi ġusti, in-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali tal-awturi u l-prinċipju tal-legalità, u d-dritt għal penali proporzjonati u effettivi. L-eċċezzjoni mir-responsabbiltà tal-ekwipaġġ, tal-kaptani u tas-sidien hija ċċarata ulterjorment fil-proposta. Il-protezzjoni tagħhom hija għalhekk imsaħħa permezz ta' armonizzazzjoni aktar integrata tar-regoli internazzjonali fil-liġijiet nazzjonali u osservanza aħjar tal-istat tad-dritt u l-prinċipji ta' proċess ġust. Hija tissalvagwardja wkoll il-prinċipju tal-ugwaljanza, billi tikkontribwixxi għan-nondiskriminazzjoni u għat-trattament ugwali tal-baħħara. Il-miżuri li jiżguraw delimitazzjoni aktar ċara bejn il-ksur li jaqa' fi ħdan il-proċedura kriminali u amministrattiva se jiffaċilitaw ukoll it-trattament ugwali tal-awturi madwar l-UE. Din l-inizjattiva se tirriżulta f'osservanza aħjar tad-dritt għall-ġustizzja billi ttejjeb id-definizzjoni ta' ksur soġġett għal proċedura amministrattiva jew kriminali. Il-proposta tiżgura wkoll il-protezzjoni tad-*data* personali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kostijiet netti attwali tal-proposta jammontaw għal EUR 125,8-134,7 miljun matul l-2025-2050. L-impatt baġitarju tal-proposta huwa deskritt f'aktar dettall fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva annessa ma' din il-proposta għall-informazzjoni. L-impatt baġitarju tal-proposta diġà huwa inkluż fil-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP attwali huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Is-suċċess tad-Direttiva jkun ifisser li l-persuna (ġuridika jew fiżika) responsabbli għat-tniġġis tal-baħar tiġi ppenalizzata b'mod adegwat biex jiġi prodott effett ta' deterrent u b'hekk jiġi evitat it-tniġġis fil-futur. Il-penali għat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri jistgħu jitqiesu bħala l-aħħar linja ta' difiża għall-prevenzjoni tat-tniġġis u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u tas-saħħa tal-bniedem. L-ewwel linja ta' difiża għas-sikurezza marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis hija pprovduta permezz tal-kontroll mill-Istat tal-bandiera u t-tieni linja ta' difiża permezz tal-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll mill-Istat tal-port, madankollu, il-vapuri xorta jistgħu jikkawżaw tniġġis tal-baħar permezz ta' aċċidenti u skariki operazzjonali (intenzjonati).

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni u l-effettività ta' din l-inizjattiva permezz ta' għadd ta' azzjonijiet u sett ta' indikaturi ewlenin li se jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi. Ġew identifikati arranġamenti adegwati ta' monitoraġġ u rapportar fil-valutazzjoni tal-impatt. L-EMSA se jkollha rwol importanti f'dan il-proċess, peress li l-Aġenzija hija inkarigata miż-żjarat fl-Istati Membri u mill-iżvilupp u l-operat tal-għodod diġitali għat-trasport marittimu – is-Servizzi Marittimi Integrati u CleanSeaNet.

L-implimentazzjoni tista' tiġi ċċekkjata permezz ta' monitoraġġ jekk ir-rispons dwar il-verifika għall-allerti ta' CleanSeaNet ikun qed jiġi pprovdut mill-Istati Membri b'mod f'waqtu u effettiv u jekk l-informazzjoni dwar il-ġbir tal-evidenza u l-proċedimenti amministrattivi tittella' fl-għodda ta' rapportar b'mod regolari. Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EMSA, se tiżviluppa sit web pubbliku b'indikaturi ewlenin dwar ir-rata ta' implimentazzjoni u l-informazzjoni mhux kunfidenzjali ewlenija dwar inċidenti ta' skariki illegali; is-sit web se jiġi aġġornat b'mod regolari b'*data* mill-għodda ta' rapportar biex il-pubbliku jinżamm infurmat dwar l-implimentazzjoni u l-penali imposti. L-EMSA se twettaq ċikli ta' żjarat lill-Istati Membri biex tivverifika l-operazzjonijiet fuq il-post bħala parti mir-rwol ta' appoġġ tal-EMSA lill-Kummissjoni[13]. Barra minn hekk, fuq talba, l-EMSA se tipprovdi analiżi orizzontali u assistenza teknika u se tiġi rrapportata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

L-impatti tad-Direttiva għandhom jiġu evalwati mhux aktar tard minn 5 snin wara d-data tat-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni. Huwa mistenni li diġà se jkun hemm disponibbli *data* aktar

[13] L-EMSA twettaq tali żjarat skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima bħala parti mill-kompiti ewlenin tagħha; għalhekk, mhu mistenni li jirriżulta l-ebda kost addizzjonali.

robusta u rappreżentattiva biex titħejja evalwazzjoni sħiħa għall-Istati Membri kollha. F'dan il-kuntest, ikun meħtieġ studju ta' esperti biex jiġi stmat il-progress li jkun sar fil-livelli ta' penali. L-evalwazzjoni għandha teżamina wkoll id-*data* disponibbli dwar il-benefiċċji ambjentali u l-possibbiltà li l-kamp ta' applikazzjoni jiġi estiż għal żviluppi ġodda fil-Marpol 73/78 u t-tniġġis tal-arja. Wara, f'konformità maċ-ċiklu ta' rieżami tal-EMSA ta' 5 snin ta' żjarat fl-Istati Membri, il-Kummissjoni se tanalizza regolarment l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Id-dokumenti ta' spjegazzjoni ma humiex meħtieġa għaliex il-proposta għandha l-għan li tissimplifika u tiċċara is-sistema eżistenti.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

***Titolu tad-Direttiva***

It-titolu jistabbilixxi s-suġġett tad-Direttiva b'mod aktar preċiż billi jżid l-element mat-titolu ta' "l-infurzar tal-istandards internazzjonali". Din il-bidla għandha l-għan li tiċċara li s-suġġett tad-Direttiva ma huwiex l-introduzzjoni ta' standards sostantivi ġodda għat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri, iżda t-traspożizzjoni u l-infurzar tal-istandards internazzjonali diġà adottati. L-element ta' "pieni kriminali" stabbilit fit-titolu attwali tħassar għal raġunijiet ta' koerenza legali mad-Direttiva (UE) 2023/xxxx dwar il-kriminalità ambjentali.

***Artikolu 1 – Skop***

L-objettiv ġenerali tad-Direttiva huwa emendat biex jispeċifika li penali adegwati, f'din id-Direttiva, ifissru penali dissważivi, effettivi u proporzjonati. Dan jirreferi għall-penali amministrattivi. L-element ta' "pieni kriminali", eżistenti fid-Direttiva attwali, tħassar mill-iskop għal raġunijiet ta' koerenza legali mad-Direttiva (UE) 2023/xxxx dwar il-kriminalità ambjentali.

***Artikolu 2 – Definizzjonijiet***

L-Artikolu 2, il-paragrafu 2 jaġġorna d-definizzjonijiet li kienu problematiċi jew li jirreferu għall-kamp ta' applikazzjoni antikwat tad-Direttiva u jintroduċi definizzjoni ġdida waħda. L-ewwel nett, id-definizzjoni ta' "sustanzi niġġiesa" skont il-paragrafu 2 hija adattata għall-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-Direttiva li tkopri l-Anness I-VI tal-Marpol 73/78. Definizzjoni ġdida taħt il-punt 2a tintroduċi "residwu mis-Sistemi tat-Tindif tal-Gass tal-Egżost", jiġifieri l-iskariki minn purifikaturi fil-baħar, bħala s-sustanza koperta taħt il-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-Direttiva fir-rigward tal-Anness VI tal-Marpol 73/78, filwaqt li jitqiesu l-linji gwida żviluppati mill-IMO. Definizzjoni ġdida fil-punt 5a tinkorpora d-definizzjoni miftiehma internazzjonalment ta' "kumpanija" fid-Direttiva, f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis (Kodiċi ISM)[14], implimentata fid-dritt tal-Unjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 336/2006[15].

---

14 Il-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea A.741(18) tal-4 ta' Novembru 1993, kif emendat.

15 Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).

*Artikolu 4 – Projbizzjoni tal-iskariki*

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-projbizzjonijiet ġenerali koperti minn din id-Direttiva. Skariku illegali jista' jiġi attribwit lil persuna fiżika jew ġuridika u d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva għandhom jipprevedu li dawn il-persuni jinżammu responsabbli. Uħud mill-projbizzjonijiet mid-Direttiva kurrenti (sustanzi tal-Anness I-II tal-Marpol 73/78) huma verżjonijiet aġġornati ta' dawk eżistenti, madankollu xi wħud huma ġodda (sustanzi tal-Anness III-VI tal-Marpol 73/78). Il-kunċett ta' "każijiet minuri" jitneħħa bħala riżultat tas-sejbiet tal-evalwazzjoni *ex post* li dan it-terminu huwa problematiku u mhuwiex interpretat bl-istess mod mill-Istati Membri. Barra minn hekk, dan it-terminu kien rilevanti biss għall-applikazzjoni ta' pieni kriminali, li issa huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

*Artikolu 5 – Eċċezzjonijiet*

Il-proposta fl-Artikolu 5 tistabbilixxi l-eċċezzjonijiet mill-projbizzjonijiet iddikjarati skont l-Artikolu 4 f'każ li jseħħ skariku fil-baħar wara ħsara lill-vapur jew lit-tagħmir tiegħu. Dan l-artikolu huwa applikabbli biss jekk tiġi ssodisfata l-kundizzjoni tal-ħsara lill-vapur/lit-tagħmir. Id-dispożizzjoni ġiet emendata biex tiċċara r-reġim ta' responsabbiltà eżistenti skont il-Marpol 73/78, billi tispjega r-regoli applikabbli mingħajr ma tibdilhom meta mqabbla mad-Direttiva 2005/35/KE. Il-kunċett ta' "sid" użat f'Marpol 73/78 huwa ċċarat billi minflok jintuża l-kunċett ta' "kumpanija" peress li jista' jirrappreżenta entitajiet differenti li jiġġestixxu vapur. Din l-eċċezzjoni tapplika għalhekk għal kwalunkwe organizzazzjoni li tkun assumiet l-operat tal-vapur, f'konformità mal-Kodiċi ISM. Id-dispożizzjoni tapplika għall-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-Direttiva. L-eċċezzjonijiet għal reati kriminali (l-Artikolu 5a) u d-dettalji ulterjuri tiegħu (l-Artikolu 5b) tħassru għal raġunijiet ta' koerenza legali mad-Direttiva (UE) 2023/xxxx dwar il-kriminalità ambjentali. Il-limiti għar-responsabbiltà kriminali għal reati ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri introdotti mid-Direttiva 2009/123/KE jitneħħew minħabba li d-Direttiva (UE) 2023/xxxx issa tindirizza dawn il-limiti.

*Artikolu 6 – Miżuri ta' infurzar fir-rigward ta' vapuri f'port ta' Stat Membru*

Id-dispożizzjoni ma tinbidilx meta mqabbla ma' dik eżistenti. Biex l-Istati Membri jiġu assistiti fit-twettiq tal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 6, qiegħed jiġi pprovdut Anness ġdid għad-Direttiva li jindika lista indikattiva ta' irregolaritajiet jew informazzjoni li tista' twassal għal suspett li seta' seħħ skariku illegali, li min-naħa tiegħu jiskatta l-obbligu tal-Istat tal-port li jispezzjona l-inċident.

*Artikolu 8 – Penali*

L-artikolu huwa emendat minħabba l-implikazzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2023/xxxx dwar il-kriminalità ambjentali. Ir-reviżjoni tad-Direttiva 2005/35/KE se tkopri l-penali amministrattivi biss filwaqt li d-Direttiva (UE) 2023/xxxx tkopri l-pieni kriminali għat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri. Din tispeċifika l-prinċipji li għandhom jirregolaw l-introduzzjoni ta' penali fid-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali fit-traspożizzjoni tad-Direttiva, li jfisser li għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Is-sistema ta' penali amministrattivi introdotta fl-ordni legali nazzjonali għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2023/xxxx u l-penali pprovduti fiha[16]. Paragrafu ġdid għall-Artikolu 8 jispeċifika t-tip ta' penali li tal-anqas għandhom jiġu pprovduti fl-ordni legali nazzjonali, li għandhom jinkludu multi imposti fuq il-kumpanija tal-vapur, filwaqt li jirrikonoxxi r-regoli internazzjonali applikabbli għat-tbaħħir li

[16] Id-Direttiva (UE) 2023/xxxx fl-Artikoli 5 u 7 tagħha tindirizza sanzjonijiet mhux kriminali u dawn ir-rekwiżiti jridu jitqiesu meta tiġi applikata d-Direttiva 2005/35/KE.

l-ġestjoni operazzjonali u/jew teknika tal-vapur tista' tiġi ddelegata mis-sid irreġistrat lil kumpanija differenti. F'każijiet bħal dawn, il-kumpanija tinżamm responsabbli għall-iskariku illegali ta' sustanzi niġġiesa fil-baħar minflok ma twassal dawn il-sustanzi f'faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet, sakemm ma tagħtix prova li persuna oħra, jiġifieri l-kaptan jew membru jew membri tal-ekwipaġġ, fejn dawn tal-aħħar ma kinux qed jaġixxu taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan, kienu responsabbli għall-iskariku. Paragrafu ġdid għall-Artikolu 8 jiċċara li jekk tingħata prova li persuna oħra kienet responsabbli għall-ksur u mhux il-kumpanija, il-persuna għandha tkun soġġetta għal penali f'konformità mad-Direttiva 2005/35/KE. Il-pieni kriminali kontra persuni fiżiċi (l-Artikolu 8a), ir-responsabbiltà għal reati kriminali (l-Artikolu 8b) u pieni kriminali kontra persuni ġuridiċi (l-Artikolu 8c) tħassru għal raġunijiet ta' koerenza legali mad-Direttiva (UE) 2023/xxxx dwar ir-reati ambjentali.

*Artikolu 8d – Applikazzjoni effettiva tal-penali (ġdid)*

Dan huwa artikolu ġdid li jimmira lejn l-applikazzjoni konsistenti tas-sistema ta' penali prevista mid-Direttiva madwar l-Unjoni u l-approssimazzjoni tal-penali imposti. L-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi nazzjonali għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha meta jiddeterminaw il-livell ta' penali li għandhom jiġu imposti lin-niġġiesa. Filwaqt li titqies in-natura diversa tas-sustanzi niġġiesa koperti minn din id-Direttiva u l-importanza tal-applikazzjoni konsistenti ta' dawn il-penali madwar l-Unjoni fid-dawl tan-natura transfruntiera tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri, aktar effettività tal-livelli ta' penali se tiġi ddefinita f'att ta' implimentazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' kriterji konkreti għall-applikazzjoni ta' penali għall-iskariki ta' sustanzi niġġiesa differenti fil-baħar. Eżempju ta' kriterji addizzjonali bħal dawn jista' jkun abbażi taż-żona ġeografika fejn ikun seħħ l-iskariku ta' tip speċifiku ta' sustanza niġġiesa, skont is-sensittività taż-żona għas-sustanzi kimiċi li jinsabu fis-sustanza niġġiesa, eż. skariku illegali ta' żejt tat-tisjir fil-Baħar Baltiku.

*Artikolu 10 – Skambju ta' informazzjoni u esperjenza*

Il-prinċipju sottostanti tad-dispożizzjoni ma nbidilx - il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri fl-attivitajiet ta' infurzar tagħhom bis-sostenn tal-EMSA. It-titolu tal-artikolu ġie emendat biex jirrifletti li l-miżuri deskritti f'dan l-artikolu jikkonċernaw l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati.

Sabiex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, żdiedu dispożizzjonijiet dwar it-tisħiħ tal-għodod diġitali eżistenti għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, b'mod partikolari CleanSeaNet, u t-titjib tar-rabtiet awtomatiċi bejn il-bażijiet tad-*data* eżistenti dwar is-sikurezza marittima u s-sistemi ta' skambju ta' informazzjoni, inklużi THETIS, THETIS-EU u SafeSeaNet, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni f'waqtha u akkurata f'format faċli għall-utent fis-Servizzi Marittimi Integrati u sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmiraw aħjar. Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri kollha, hija prevista wkoll rata ta' verifika ta' 10 % fis-sena minn kull Stat Membru tat-twissijiet mibgħuta minn CleanSeaNet. Għandu jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali tul il-katina tal-infurzar għal tali informazzjoni, kif ukoll l-aċċess għall-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra interessati f'tali informazzjoni, sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv tal-attivitajiet ta' infurzar. Il-Kummissjoni se tipprovdi l-fora fejn għandu jsir l-iskambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet u l-esperti tal-Istati Membri. Għal dan l-għan, qed jiġu proposti laqgħat ta' esperti biex jiġu stabbiliti prattiki u linji gwida komuni, pereżempju permezz tal-istabbiliment ta' grupp ta' esperti iddedikat. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kompiti

tal-EMSA tneħħew mill-artikolu peress li dawn il-kompiti huma definiti fi strument legali separat.

*Artikolu 10a – Rapportar (ġdid)*

L-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri ġew sostitwiti b'sistema aktar dettaljata ta' rapportar lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Għaldaqstant, ir-rapportar issa għandu jsir hekk kif jitlestew l-attivitajiet rilevanti, permezz ta' għodda elettronika ta' rapportar dedikata żviluppata u miżmuma mill-EMSA. Dan l-arranġament jiżgura sistema ta' rapportar konkreta u aktar effettiva billi jevita intervall ta' żmien bejn id-data tal-inċident tat-tniġġis jew il-proċedimenti amministrattivi u d-data attwali tar-rapportar. L-artikolu jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw id-*data* rilevanti dwar (i) l-ispezzjonijiet, (ii) l-attivitajiet ta' verifika u (iii) il-penali imposti. Dan jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jirreġistraw fi CleanSeaNet l-attività ta' verifika mwettqa wara li jintbagħat allert ta' CleanSeaNet lill-Istat Membru jew ir-raġunijiet għaliex ma jkunx sar segwitu fir-rigward ta' tali allert. Huwa previst att ta' implimentazzjoni li jipprovdi regoli aktar dettaljati dwar il-proċedura għar-rapportar, inkluż l-ispeċifikazzjoni tat-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi rrapportata. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni u l-effettività ta' din id-Direttiva bl-appoġġ tal-EMSA permezz ta' dawn l-azzjonijiet u se tkun f'pożizzjoni li tivvaluta l-indikaturi li se jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tad-Direttiva.

*Artikolu 10b – Taħriġ (ġdid)*

Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tgħin lill-Istati Membri fl-attivitajiet ta' taħriġ tagħhom tal-awtoritajiet rilevanti involuti tul il-katina tal-infurzar bl-għan li tiżgura li l-partijiet kollha involuti jkollhom il-ħiliet u l-kapaċitajiet speċjalizzati meħtieġa biex iwettqu r-rwoli tagħhom b'mod effettiv. L-artikolu jipprevedi li l-Kummissjoni, bis-sostenn tekniku tal-EMSA, se tipprovdi taħriġ lill-Istati Membri tal-UE biex jissodisfaw aħjar ir-responsabbiltajiet tagħhom skont id-Direttiva, minħabba l-ambitu estiż u l-iżviluppi regolatorji ġodda fl-IMO, rilevanti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Abbażi ta' dan, l-EMSA se twettaq sessjonijiet ta' ħidma b'mod regolari u tkopri (i) żviluppi teknoloġiċi ġodda, inklużi għodod diġitali ġodda, fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva; u (ii) l-aħjar prattiki tal-Istati Membri u l-metodi tagħhom għall-ġbir tal-evidenza u l-verifika tal-iskariki illegali.

*Artikolu 10c – Pubblikazzjoni ta' informazzjoni (ġdid)*

Dan huwa artikolu ġdid. Il-Kummissjoni se tiżgura li informazzjoni ewlenija, mhux kunfidenzjali u aġġornata dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri tkun disponibbli online. Abbażi ta' dan, l-EMSA se tippubblika ħarsa ġenerali online u taġġornaha regolarment. B'dan il-mod, l-informazzjoni ġenerali dwar kull inċident ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri fl-UE se tkun aċċessibbli għall-pubbliku. Dan jinkludi informazzjoni bħad-dettalji ta' allert minn sorveljanza bis-satellita, is-segwitu tiegħu mill-Istat Membru kkonċernat, fatti ta' verifika fuq il-post jew spezzjoni fuq il-vapuri u r-riżultat finali tal-proċediment, pereżempju, il-multa amministrattiva imposta, inkluż il-livell tagħha, l-isem, il-bandiera u n-numru tal-IMO tal-vapur li fuqu ġiet imposta u l-fatti ewlenin tal-każ li fih ġiet imposta. L-EMSA se tqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ħarsa ġenerali dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva għal kull Stat Membru billi tipprovdi profili tal-pajjiżi b'informazzjoni li tkejjel il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi bħall-għadd ta' inċidenti ta' tniġġis identifikati jew l-għadd ta' proċedimenti amministrattivi għal kull pajjiż kif ukoll xi indikaturi ewlenin dwar il-proporzjonijiet tagħhom. Qed jiġi pprovdut Anness ġdid tad-Direttiva li jindika t-tip ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 10d – Protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw skariki illegali potenzjali (ġdid)*

L-istruttura l-ġdida tal-għodod diġitali tal-EMSA se tipprovdi portal biex iwissi lill-Istat Membru li seħħ skariku illegali minn vapur fuq il-baħar. L-informaturi (jiġifieri persuni fiżiċi li jirrapportaw informazzjoni dwar ksur miksuba fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol) se jkollhom mezz iddedikat biex jirrapportaw ir-reati potenzjali. Dan l-artikolu jagħmel referenza għall-protezzjoni tal-informaturi bir-rabta mad-Direttiva (UE) 2019/1937 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw il-ksur li ġej tad-dritt tal-Unjoni.

*Artikolu 12a – Evalwazzjoni u rieżami (ġdid)*

Dan huwa artikolu ġdid. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li l-Kummissjoni se tipproduċi evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 5 snin wara t-traspożizzjoni. Ġiet miżjuda wkoll klawżola ta' rieżami li tiddikjara li kwalunkwe modifika futura tal-istandards internazzjonali għall-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri li jkunu saru soġġetti għal kontroll minn Marpol 73/78 għandha titqies matul ir-rieżami.

*Artikolu 13 – Proċedura ta' Kumitat*

Dan huwa artikolu standard ġdid għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni.

*L-Artikoli 5a-b, 8a—c, 11, 14 u 15 preċedenti u l-Anness uniku tħassru*

L-artikoli msemmija hawn fuq tħassru fil-prinċipju minħabba l-implikazzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2023/xxxx dwar il-kriminalità ambjentali kif ukoll f'każijiet fejn ma għadhomx rilevanti. L-Anness uniku tad-Direttiva 2005/35/KE tħassar peress li kien antikwat.

*Anness I (ġdid)*

Dan huwa Anness ġdid li jipprovdi eżempji ta' sitwazzjonijiet meta l-attivitajiet ta' infurzar għandhom jiġu skattati minħabba li hemm suspett li vapur skarika sustanzi niġġiesa b'mod illegali. F'każ bħal dan, l-Istat Membru jrid iwettaq spezzjoni fil-port biex jiċċekkja u jiġbor informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-iskariku illegali kif ukoll l-evidenza. L-Anness jinkludi lista indikattiva ta' eżempji ta' irregolaritajiet u informazzjoni li jistgħu jwasslu għall-obbligu biex ikunu spezzjonati, pereżempju, ir-riżultati ta' spezzjonijiet preċedenti mill-Istat tal-port jew spezzjoni mwettqa mill-pulizija, mill-awtoritajiet ambjentali jew minn awtoritajiet oħra, spezzjonijiet dwar il-kunsinna ta' skart minn vapuri f'faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet, jew informazzjoni skambjata jew riċevuta permezz tas-Servizzi Marittimi Integrati. Jekk l-ispezzjoni tiżvela fatti li tkun seħħet kwittanza illegali, imbagħad iridu jiġu stabbiliti proċedimenti xierqa, kif xieraq.

*Anness II (ġdid)*

Dan huwa Anness ġdid li jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' tipi ta' informazzjoni li jridu jiġu żvelati lill-pubbliku dwar kull inċident ta' tniġġis u dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva minn kull Stat Membru. Tali informazzjoni se tiġi pprovduta f'format faċli għall-utent, pereżempju, fil-forma ta' mappa fejn utent jista' jkabbar iż-żona ġeografika ta' interess u jara kif l-inċidenti tat-tniġġis jiġu ttrattati f'sena partikolari. L-informazzjoni disponibbli pubblikament tiġi pprovduta b'lingwaġġ mhux tekniku bl-għan li tagħti lill-pubbliku informazzjoni dwar kif l-Istati Membri jagħmlu segwitu għall-inċidenti ta' tniġġis u liema vapuri ġew immultati.

2023/0171 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [17],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[18],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-politika marittima tal-Unjoni timmira lejn livell għoli ta' sigurtà u ta' ħarsien tal-ambjent. Dan jista' jinkiseb permezz tal-konformità ma' konvenzjonijiet, kodiċijiet u riżoluzzjonijiet internazzjonali filwaqt li tinżamm il-libertà tan-navigazzjoni kif previst mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar.

(2) Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri ("Marpol 73/78") tipprevedi projbizzjonijiet ġenerali dwar l-iskariki mill-vapuri fil-baħar, iżda tirregola wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom ċerti sustanzi jistgħu jintremew fl-ambjent marin.

(3) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [19], Marpol 73/78 u l-Annessi tagħha kienu s-suġġett ta' emendi importanti, li daħħlu fis-seħħ normi u projbizzjonijiet aktar stretti għall-iskariki ta' sustanzi minn vapuri fil-baħar. Dawn il-bidliet kif ukoll it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jiġu kkunsidrati.

(4) Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] tiżgura li l-iskart jitwassal fil-portijiet tal-Unjoni, fejn jinġabar minn faċilitajiet adegwati ta' akkoljenza fil-portijiet. L-infurzar tad-Direttiva 2019/883/KE huwa, flimkien mad-Direttiva 2005/35/KE, strument

[17] ĠU C 77, 31.3.2009, p. 69.

[18] ĠU C 202, 7.6.2016, p. 177.

[19] Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11).

[20] Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116).

ewlieni fil-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri. Sabiex tiġi żgurata sistema ta' infurzar effettiva, integrata u koerenti vis-à-vis id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/883 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart mill-vapuri, id-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li tiġi emendata sabiex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-Annessi IV sa VI tal-Marpol 73/78, bil-ħsieb li l-vapuri jiġu skoraġġuti milli jiskarikaw sustanzi niġġiesa b'mod illegali fil-baħar, minflok ma jitwasslu f'faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/883.

(5) Id-Direttiva (UE) 2019/883 ma tkoprix fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-Anness III tal-Marpol 73/78 minħabba li l-oġġetti imballati mhumiex ikkategorizzati bħala skart, għalhekk normalment ma jiġux ikkonsenjati fil-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li sustanzi ta' ħsara ttrasportati f'forma imballata jistgħu jiġu skarikati b'mod illegali fil-baħar. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jiġi estiż għall-Anness III tal-Marpol 73/78. Għaldaqstant, l-iskariku ta' sustanzi ta' ħsara jenħtieġ li jkun ipprojbit skont id-Direttiva 2005/35/KE, sakemm ma jinstabx mill-awtoritajiet kompetenti li kien meħtieġ li tiġi żgurata s-sikurezza tal-vapur jew li tiġi salvata l-ħajja fuq il-baħar.

(6) Marpol 73/78 tinkludi l-emissjonijiet mill-vapuri fid-definizzjoni tal-iskariki fl-Artikolu 2 tiegħu. L-Anness VI tal-Marpol 73/78 jindirizza l-prevenzjoni tat-tniġġis tal-arja mill-vapuri. L-Anness VI u l-linji gwida korrispondenti tal-IMO dwar is-Sistemi ta' Tindif tal-Gass tal-Egżost (EGCS) (ir-Riżoluzzjoni MEPC.340(77)) jippermettu l-użu tal-EGCS mill-vapuri bħala metodu alternattiv ta' konformità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ossidu tal-kubrit (SOx). L-Anness VI jirregola r-residwu u l-ilma skarikat mill-EGCS, jew billi jipprojbixxi l-iskarikar tagħhom fil-baħar u jirrikjedi l-konsenja tagħhom lejn faċilitajiet adegwati ta' akkoljenza fil-port (fil-każ ta' residwu tal-EGCS minn sistemi ta' ċirkwit magħluq) jew billi jirregola l-kundizzjonijiet għall-iskariku tagħhom (fil-każ ta' ilma skarikat minn sistemi ta' ċirkwit miftuħ). Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] tittrasponi standards internazzjonali tal-SOx fid-dritt tal-Unjoni, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/883 tiżgura li r-residwu tal-EGCS jiġi kkonsenjat f'faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet. Peress li r-residwu tal-EGCS u l-ilma skarikat jistgħu jikkawżaw tniġġis fl-ambjent tal-baħar, il-penali previsti skont id-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li japplikaw f'każ ta' skariki illegali. Għal dawk ir-raġunijiet, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jiġi estiż għar-residwu tal-EGCS u għall-ilma skarikat, filwaqt li jitqiesu l-linji gwida żviluppati mill-IMO, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/802 li tistabbilixxi kwalunkwe regola ta' skariku u penali aktar stretti għalihom.

(7) Id-Direttiva (UE) 2023/xxxx [22] tiżgura definizzjonijiet komuni ta' reati kriminali ambjentali u d-disponibbiltà ta' sanzjonijiet kriminali dissważivi, effettivi u proporzjonati għal reati ambjentali serji. Id-Direttiva 2005/35/KE ġiet emendata bid-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], li introduċiet pieni kriminali għal ċertu ksur tad-Direttiva 2005/35/KE, li issa jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2023/xxxx. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/35/KE li ġew miżjuda jew sostitwiti bid-Direttiva 2009/123/KE jenħtieġ li jitħassru mid-Direttiva 2005/35/KE.

---

[21] Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (kodifikazzjoni) (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58).

[22] ĠU L xxxx.

[23] Id-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).

(8) Il-penali amministrattivi introdotti fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2023/xxxx. L-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar tad-dritt amministrattiva u kriminali fir-rigward ta' reati ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri skont id-dritt nazzjonali tagħhom. Fl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2005/35/KE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impożizzjoni ta' pieni kriminali u ta' penali amministrattivi tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-projbizzjoni ta' *ne bis in idem*.

(9) Il-penali previsti mid-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jissaħħu billi tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-penali amministrattivi fl-Unjoni kollha. Sabiex jissaħħaħ l-effett deterrenti tal-penali imposti għar-reati ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri, tali penali jenħtieġ li jieħdu mill-anqas il-forma ta' multi imposti fuq il-kumpanija tal-vapur, sakemm il-kumpanija tkun tista' turi li l-kaptan tal-vapur jew membru jew membri tal-ekwipaġġ, li ma jaġixxux taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan, kienu responsabbli għall-iskariku. F'dan il-kuntest, il-kumpanija tal-vapur tfisser is-sid tal-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew il-bareboat charterer, li jkun assuma r-responsabbiltà għall-operat tal-vapur mingħand sid il-vapur, f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis ("Kodiċi ISM")[24], implimentat fid-dritt tal-Unjoni bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25]. Id-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li tirrikonoxxi li l-ġestjoni tal-vapur tista' tiġi ddelegata mis-sid irreġistrat lil entità differenti, li mbagħad jenħtieġ li tinżamm l-ewwel nett responsabbli għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-obbligi tagħha skont il-Kodiċi ISM biex jiġi żgurat li tiġi evitata ħsara lill-ambjent jew l-assenjazzjoni ta' operazzjonijiet abbord lil persunal kwalifikat.

(10) L-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji nazzjonali jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha meta jiddeterminaw il-livell ta' penali li għandhom jiġu imposti lin-niġġiesa. Filwaqt li titqies in-natura diversa tas-sustanzi niġġiesa koperti mid-Direttiva 2005/35/KE u l-importanza tal-applikazzjoni konsistenti tal-penali madwar l-Unjoni fid-dawl tan-natura transfruntiera tal-imġiba regolata, jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' penali permezz tal-istabbiliment ta' kriterji konkreti għall-applikazzjoni ta' penali għall-iskariki ta' sustanzi niġġiesa differenti. Sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-penali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni ta' dawn l-atti ta' implimentazzjoni.

(11) Meta Stat Membru jissuspetta li vapur li huwa volontarjament fil-port tiegħu jew f'terminal off-shore wettaq skariku illegali, jenħtieġ li ssir spezzjoni xierqa biex jiġu stabbiliti ċ-ċirkostanzi. Sabiex l-Istati Membri jiġu assistiti bl-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 2005/35/KE li jispezzjonaw vapuri bħal dawn, l-Anness I tad-Direttiva 2005/35/KE jipprovdi lista indikattiva ta' irregolaritajiet jew informazzjoni li jenħtieġ li titqies mill-awtoritajiet

[24] Il-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea A.741(18) tal-4 ta' Novembru 1993, kif emendat.

[25] Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 1).

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

kompetenti fuq bażi ta' każ b'każ meta jiġi ddeterminat jekk vapur ikunx jenħtieġ li jitqies bħala suspettat.

(12) Il-miżuri ta' akkumpanjament għall-kooperazzjoni u l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri sa issa ma kinux biżżejjed biex jippermettu analiżi sħiħa dwar jekk in-niġġies jiffaċċjax penali effettivi, dissważivi u proporzjonati u jekk hemmx *data* adegwata disponibbli għall-Kummissjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE. Sabiex jiġi żgurat l-infurzar effettiv u konsistenti tad-Direttiva 2005/35/KE, l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza jenħtieġ li jiġi ffaċilitat permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-Kummissjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha *data* adegwata sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE.

(13) Is-servizz eżistenti bbażat fuq is-satellita "CleanSeaNet" li jinnotifika lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar skariki illegali potenzjali, jenħtieġ li jkompli jittejjeb biex jinkludi informazzjoni dwar is-sustanzi niġġiesa addizzjonali taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE. L-informazzjoni relatata mal-iskariki potenzjali jew reali rrapportati mill-Istati Membri f'konformità mad-Direttiva 2005/35/KE u ma' bażijiet tad-*data* oħra tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, bħas-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima stabbilita bid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] ("SafeSeaNet") u l-Bażi tad-*Data* għall-Ispezzjonijiet stabbilita bid-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] ("THETIS") jenħtieġ li jiġu integrati u mxerrda f'format elettroniku faċli għall-utent lill-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-katina tal-infurzar sabiex jiffaċilitaw ir-rispons f'waqtu tagħhom. Tali informazzjoni, meta tkun relatata ma' skariku reali jew potenzjali ta' residwu tas-Sistema ta' Tindif tal-Gass tal-Egżost minn vapur, jenħtieġ li tkompli titqassam awtomatikament lill-modulu ddedikat ta' THETIS stabbilit skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/253 ("THETIS-EU"), sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna b'azzjonijiet ta' infurzar imwettqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/802. Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri kollha, jenħtieġ li tiġi żgurata rata ta' verifika ta' 10 % fis-sena tat-twissijiet mibgħuta minn CleanSeaNet minn kull Stat Membru fl-ewwel 3 snin tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. L-aċċess għal din l-informazzjoni jenħtieġ li jingħata lill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra li għandhom interess fiha taħt ir-rwoli tagħhom bħala Stati tal-port li jmiss, l-Istati kostali affettwati mill-iskariku potenzjali jew mill-Istati tal-bandiera tal-vapur sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni transfruntiera effettiva u f'waqtha, jiġi minimizzat il-piż amministrattiv tal-attivitajiet ta' infurzar u fl-aħħar mill-aħħar jiġu ppenalizzati b'mod effettiv it-trasgressuri għall-ksur tad-Direttiva 2005/35/KE.

(14) Is-Sottogrupp dwar l-Iskart mill-Vapuri, li kien ġie stabbilit fil-qafas tal-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli, u li laqqa' flimkien firxa wiesgħa ta' esperti fil-qasam tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-ġestjoni ta' skart mill-vapuri, ġie differit f'Diċembru 2017 minħabba l-bidu ta' negozjati interistituzzjonali tad-Direttiva (UE) 2019/883. Peress li dak is-Sottogrupp temporanju pprovda gwida u għarfien espert siewja lill-Kummissjoni, jenħtieġ li jinħoloq grupp ta' esperti simili b'mandat ta' skambju ta' esperjenza dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex jassisti lill-Istati Membri fil-bini tal-kapaċità tagħhom li jidentifikaw u jivverifikaw inċidenti ta' tniġġis u jiżguraw l-infurzar effettiv tad-Direttiva 2005/35/KE.

---

27 Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

28 Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

(15) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("EMSA") stabbilita bir-Regolament (UE) xxxx/xxxx[29] jenħtieġ li tipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(16) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa biex jiżguraw monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE. Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv u tingħata assistenza lill-Kummissjoni fl-analiżi tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri, tali informazzjoni jenħtieġ li tiġi rrapportata mill-Istati Membri permezz ta' għodda elettronika ddedikata għar-rapportar. Sa fejn tali informazzjoni tkun relatata ma' penali imposti fuq jew li jinvolvu persuni fiżiċi, tali informazzjoni għandha tiġi anonimizzata. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni rrapportata f'konformità mad-Direttiva 2005/35/KE tkun komparabbli fit-tip bejn l-Istati Membri u tinġabar abbażi ta' format u proċedura elettroniċi armonizzati għar-rapportar, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(17) Sabiex tassisti lill-Istati Membri fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom fir-rigward tal-infurzar effettiv tad-Direttiva 2005/35/KE mill-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri bi gwida u taħriġ relatati, fost l-oħrajn, mal-aħjar metodi u prattiki għad-detezzjoni, il-verifika u l-ġbir tal-evidenza, kif ukoll gwida dwar l-iżviluppi regolatorji rilevanti tal-Marpol 73/78 u dwar l-iżviluppi teknoloġiċi disponibbli, inklużi għodod diġitali ġodda, sabiex jiġu ffaċilitati attivitajiet ta' infurzar effettivi, kosteffiċjenti u mmirati.

(18) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-iskariki tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u tittejjeb il-protezzjoni ambjentali, l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li ssir disponibbli għall-pubbliku permezz ta' ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni u tinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 2005/35/KE. Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] għandha l-għan li tiggarantixxi d-dritt tal-aċċess għal informazzjoni ambjentali fl-Istati Membri skont l-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus), li l-Unjoni hija parti minnha. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tirċievi l-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4/KE.

(19) Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] tistabbilixxi standards minimi dwar ir-rapportar ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni, inkluż tad-Direttiva 2005/35/KE u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw tali ksur. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw, b'mod partikolari, li l-ekwipaġġ taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1937 li jirrapporta skariki illegali reali jew potenzjali jingħata protezzjoni. Minbarra l-kanali ta' rapportar eżistenti pprovduti fil-livell nazzjonali kif regolati skont id-Direttiva (UE) 2019/1937, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel disponibbli mezz ta' rapportar estern ċentralizzat online għar-rapportar ta' skariki illegali reali jew potenzjali u tgħaddi dawn ir-rapporti lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kkonċernati, li sussegwentement jenħtieġ li jittratta dawn ir-rapporti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1937, inkluż fir-rigward tar-rikonoxximent tar-riċevuta, ir-rispons adegwat u s-segwitu. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura

---

29 ĠU L xxxx.

30 Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

31 Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-identità tal-persuni li jirrapportaw, inkluż, fejn meħtieġ, billi tillimita l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet ta' protezzjoni tad-*data* tal-persuni kkonċernati, bħal individwi inklużi fir-rapport bħala parteċipanti fl-iskariku illegali potenzjali, f'konformità mal-Artikolu 25(1)(c) u (h) u mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32], sa fejn u sakemm ikun meħtieġ biex jiġu evitati u indirizzati tentattivi li jxekklu r-rapportar jew li jimpedixxu, ifixklu jew inaqqsu s-segwitu, b'mod partikolari l-investigazzjonijiet, jew it-tentattivi biex tinstab l-identità tal-persuni li jirrapportaw.

(20) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fil-[xx xx 2023][33].

(21) Għaddejjin diskussjonijiet fl-IMO dwar kwistjonijiet ambjentali ġodda fir-rigward tat-tbaħħir internazzjonali, li jirriżultaw kemm fit-tniġġis tal-ilma kif ukoll fl-arja. Dawn jinkludu s-sustanzi niġġiesa tal-ilma tal-iskart fil-baħar, bħat-telf ta' kontejners u ta' pellets tal-plastik, u l-istorbju taħt l-ilma u s-sustanzi niġġiesa tal-arja bħall-karbonju iswed. Dawn id-diskussjonijiet jistgħu jirriżultaw f'regolamenti ġodda skont il-Marpol 73/78. Barra minn hekk, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] tirrikjedi li l-Istati Membri jiksbu status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar, li tinkludi, fost l-oħrajn, l-iskart fil-baħar u l-istorbju taħt l-ilma mill-vapuri bħala deskritturi kwalitattivi. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2023/xxxx[35] tistabbilixxi valuri ta' limitu għad-diossidu tan-nitroġenu (NO2) li jirriżultaw mill-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu (NOx). L-attivitajiet tat-tbaħħir jikkontribwixxu għal livelli ogħla ta' NO2 fiż-żoni kostali u tal-portijiet. F'dan l-isfond, rieżami futur tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jqis żviluppi ġodda u l-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina l-possibbiltà li timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jekk xieraq, fid-dawl ta' kwalunkwe standard internazzjonali ġdid skont il-Marpol 73/78. Rieżami futur jenħtieġ li jivvaluta l-possibbiltà li jiġi mmodifikat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE, jekk xieraq, biex jiġu inkorporati l-emissjonijiet ta' SOx u NOx, kif regolati fl-Anness VI tal-Marpol, abbażi tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/802 u dwar l-iżvilupp u l-maturità tal-monitoraġġ u l-identifikazzjoni tal-emissjonijiet ta' SOx u NOx mill-vapuri, bil-ħsieb li jiġi żgurat reġim ta' infurzar koerenti, effiċjenti u effettiv, kif ukoll l-impożizzjoni ta' penali dissważivi għalihom, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero u, b'mod partikolari, l-Inizjattiva Ewlenija 5 tiegħu"*Ninfurzaw flimkien it-tniġġis żero*".

(22) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-dannu transfruntier li jista' jiġi kkawżat minn skariki illegali koperti minn din id-Direttiva u d-disponibbiltà ta' penali effettivi, dissważivi u proporzjonati madwar l-Unjoni għal tali skariki, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni

---

[32] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[33] ĠU C xxxx.

[34] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

[35] ĠU L xxxx.

proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(23) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-protezzjoni tad-*data* personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għad-difiża, il-prinċipji tal-legalità u tal-proporzjonalità tar-reati u tal-pieni kriminali, u d-dritt li persuna ma tiġix iġġudikata jew ikkastigata darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat. Din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u prinċipji u jenħtieġ li tiġi implimentata kif meħtieġ.

(24) Għalhekk, id-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li tiġi emendata.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2005/35/KE**

Id-Direttiva 2005/35/UE hija emendata kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar ta' standards internazzjonali dwar it-tniġġis mill-vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali għal reati ta' tniġġis";

(2) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

**Skop**

1.L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tinkorpora fid-dritt tal-Unjoni standards internazzjonali dwar it-tniġġis mill-vapuri u li tiżgura li l-persuni responsabbli għall-iskariku illegali ta' sustanzi niġġiesa jkunu soġġetti għal penali amministrattivi dissważivi, effettivi u proporzjonati sabiex tittejjeb is-sikurezza marittima u tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar mit-tniġġis mill-vapuri.

2. Din id-Direttiva ma timpedix lill-Istati Membri milli jieħdu miżuri aktar stretti f'konformità mad-dritt internazzjonali, billi jipprevedu penali amministrattivi jew kriminali f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom.";

(3) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "Marpol 73/78" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1973 għall-prevenzjoni tat-tniġġis mill-Vapuri u l-Protokoll tagħha ta' l-1978, fil-verżjoni aġġornata tagħha;

2. “sustanzi niġġiesa” tfisser sustanzi soġġetti għar-regolamentazzjoni mill-Marpol 73/78 Annessi I (żejt), II (sustanzi likwidi noċivi bl-ingrossa), III (sustanzi ta’ ħsara li jinġarru bil-baħar f’forma imballata), IV (drenaġġ mill-vapuri), V (żibel mill-vapuri) u residwu tas-Sistema ta’ Tindif tal-Gass tal-Egżost;

3. “Residwu tas-Sistema ta’ Tindif tal-Gass tal-Egżost” għandha tfisser kwalunkwe materjal li jitneħħa mill-ilma tal-ħasil jew mill-ilma tal-iskariki permezz ta’ sistema ta’ trattament jew ilma skarikat li ma jissodisfax il-kriterju tal-iskariku, jew materjal ieħor ta’ residwu li jitneħħa mis-sistema tat-tindif tal-gass tal-egżost li jintrema fil-baħar b’riżultat tat-tħaddim ta’ metodu ta’ konformità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, kif definit fl-Anness VI tar-Regolament 4 tal-Marpol 73/78, użat bħala alternattiva f’termini ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet għall-istandards stabbiliti fir-Regolament 14 tal-Anness VI tal-Marpol 73/78, filwaqt li jitqiesu l-linji gwida żviluppati mill-IMO;

   (a) “skariku” għandha tfisser kwalunkwe skariku kkawżat bi kwalunkwe mod minn vapur, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tal-Marpol 73/78;

4. “vapur” tfisser bastiment marittimu, irrispettivament mill-bandiera tiegħu, ta’ kwalunkwe xorta, li jopera fl-ambjent tal-baħar u għandu tinkludi aliskafi, vetturi b’kuxxin tal-arja, sommerġibbli u opri tal-baħar li jżommu fil-wiċċ;

5. “persuna ġuridika” tfisser kwalunkwe entità legali li għandha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli, barra minn Stati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat jew organizzazzjonijiet internazzjonali;

6. “kumpanija” tfisser is-sid ta’ vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew il-bareboat charterer, li jkunu assumu r-responsabbiltà għall-operat tal-vapur minn sid il-vapur.”;

(4) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

*“Artikolu 4*

**Ksur**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskariki ta’ sustanzi niġġiesa fi kwalunkwe waħda miż-żoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1) jitqiesu bħala ksur, sakemm:

   (a) għal sustanzi niġġiesa soġġetti għar-regolamentazzjoni mill-Anness I tal-Marpol 73/78, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tar-Regolamenti 15, 34, 4.1 jew 4.3 tal-Marpol 73/78;

   (b) għal sustanzi niġġiesa soġġetti għar-regolamentazzjoni mill-Anness II tal-Marpol 73/78, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II tar-Regolamenti 13, 3.1.1 jew 3.1.3 tal-Marpol 73/78;

   (c) għal sustanzi niġġiesa soġġetti għar-regolamentazzjoni mill-Anness III tal-Marpol 73/78, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament 8.1 tal-Marpol 73/78;

   (d) għal sustanzi niġġiesa soġġetti għar-regolamentazzjoni mill-Anness IV tal-Marpol 73/78, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolamenti 3, 11.1 u 11.3 tal-Marpol 73/78;

(e) għal sustanzi niġġiesa soġġetti għar-regolamentazzjoni mill-Anness V tal-Marpol 73/78, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V tar-Regolamenti 4.1, 4.2, 5, 6.1, 6.2, 7 sa Marpol 73/78 u t-taqsima 5.2 tal-parti II-A tal-Kodiċi Internazzjonali għall-Vapuri li Joperaw f'Ilmijiet Polari (Kodiċi Polari); kif ukoll

(f) għar-residwu tas-Sistema ta' Tindif tal-Gass tal-Egżost, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolamenti 14.1, 14.4, 14.6 u 3.1.1 tal-Marpol 73/78.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun wettqet xi ksur fis-sens tal-paragrafu 1 tinżamm responsabbli għalih;

(5) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 5*

**Eċċezzjonijiet**

1. L-iskariku ta' sustanzi niġġiesa soġġetti għar-regolament mill-Annessi I, II u VI tal-Marpol 73/78 fiż-żoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (c), (d) u (e) ma għandux jitqies bħala ksur għall-kumpanija, għall-kaptan jew għall-ekwipaġġ, jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskariku jirriżulta minn ħsara lil vapur jew lit-tagħmir tiegħu;

(b) ittieħdu l-prekawzjonijiet kollha raġonevoli wara li ġrat il-ħsara jew wara li l-iskariku ġie skopert sabiex l-iskariku jiġi prevenut jew minimizzat.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-kumpanija, il-kaptan jew l-ekwipaġġ responsabbli għad-danni jkun aġixxa bl-intenzjoni li jikkawża dannu jew bi traskuraġni u bl-għarfien li x'aktarx ikun hemm dannu.";

(6) l-Artikolu 5a jitħassar;

(7) l-Artikolu 5b jitħassar;

(8) fl-Artikolu 6, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

3. Lista indikattiva ta' irregolaritajiet jew informazzjoni skont it-tifsira tal-paragrafu 1 hija pprovduta fl-Anness I ta' din id-Direttiva;

(9) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 8*

**Penali**

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont id-Direttiva (UE) 2023/xxxx[36], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' penali amministrattivi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikoli 4 u 5(2) ta' din id-Direttiva u għandhom jiżguraw li dawn jiġu applikati. Il-penali amministrattivi previsti għandhom ikunu dissważivi, effettivi u proporzjonati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali introdotti fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva jinkludu multi li jiġu imposti lill-kumpanija fiż-żmien tal-ksur, sakemm il-

36 ĠU L xxxx.

kumpanija ma tkunx tista' turi li l-kaptan jew, jekk ma jkunx qed jaġixxi taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan, l-ekwipaġġ kien responsabbli għall-ksur.

3. Fil-każ li tingħata prova li l-kaptan jew, jekk ma jkunx qed jaġixxi taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan, l-ekwipaġġ kien responsabbli għat-twettiq tal-ksur rilevanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu imposti penali lil tali persuni f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.";

(10) l-Artikolu 8a jitħassar;

(11) l-Artikolu 8b jitħassar;

(12) l-Artikolu 8c jitħassar;

(13) jiddaħħal l-Artikolu 8d li ġej:

*"Artikolu 8d*

**Applikazzjoni effettiva tal-penali**

1.L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeterminaw u japplikaw it-tip u l-livell ta' penali amministrattiva lil persuna fiżika jew ġuridika misjuba mill-awtoritajiet kompetenti li tkun responsabbli għal ksur skont it-tifsira tal-Artikoli 4 u 5(2), l-awtoritajiet kompetenti jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-ksur, inklużi:

(a) in-natura, is-serjetà u d-dewmien tal-iskariku;

(b) il-grad ta' ħtija tal-persuna responsabbli;

(c) il-ħsara kkawżata mill-iskariku lill-ambjent jew lis-saħħa tal-bniedem;

(d) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli, filwaqt li jitqies, kif xieraq, il-fatturat annwali dinji tal-persuna ġuridika responsabbli;

(e) il-benefiċċji ekonomiċi ġġenerati jew mistennija li jiġu ġġenerati għall-persuna responsabbli mill-ksur;

(f) miżuri meħuda mill-persuna responsabbli għall-prevenzjoni tal-iskariku jew għall-mitigazzjoni tal-impatti tiegħu;

(g) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli mal-awtorità kompetenti, inkluża kwalunkwe azzjoni li għandha l-għan li tevita jew tfixkel spezzjoni xierqa jew investigazzjoni oħra minn awtorità kompetenti; kif ukoll

(h) kwalunkwe ksur preċedenti mill-persuna responsabbli.

2. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri meta japplikaw penali fir-rigward ta' kull tip ta' sustanza niġġiesa skont din id-Direttiva. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13;

(14) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 10*

**Skambju ta' informazzjoni u esperjenza**

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw fl-iskambju ta' informazzjoni, filwaqt li jibnu fuq is-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima stabbilita fl-Artikolu 22(3) u fl-Anness III tad-Direttiva 2002/59/KE[37] (SafeSeaNet), sabiex jintlaħqu l-objettivi li ġejjin:

(a) itejbu l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari kif previst mis-servizz Ewropew għall-individwazzjoni tat-tniġġis ibbażat fuq is-satelliti stabbilit minn din id-Direttiva (CleanSeaNet), bil-ħsieb li jiġu żviluppati metodi affidabbli tal-intraċċar ta' sustanzi niġġiesa fil-baħar;

(b) jiżviluppaw u jimplimentaw sistema xierqa ta' kontroll u monitoraġġ, li tintegra l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu (a) mal-informazzjoni magħmula disponibbli f'SafeSeaNet u f'bażijiet tad-*data* u għodod ta' informazzjoni oħra tal-Unjoni, inkluż it-tixrid ta' informazzjoni dwar skariki attwali jew potenzjali ta' residwu tas-Sistema ta' Tindif tal-Gass tal-Egżost fil-modulu ddedikat ta' THETIS stabbilit bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/253[38] (THETIS-EU), sabiex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ ta' vapuri li jiskarikaw sustanzi niġġiesa, bil-ħsieb li jiġu ottimizzati l-azzjonijiet ta' infurzar imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali;

(c) jagħmlu l-aħjar użu mill-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafi (a) u (b) kif ukoll irrapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10a, bl-għan li jiffaċilitaw l-aċċess għal u l-iskambju ta' tali informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra u l-Kummissjoni; kif ukoll

(d) fi żmien 3 snin mid-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw mill-inqas 10 % tal-allerti mibgħuta minn CleanSeaNet kull sena.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi għall-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-esperti tal-Istati Membri, inklużi dawk mis-settur privat, mis-soċjetà ċivili u mit-trade unions, dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva madwar l-Unjoni, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti prattiki u linji gwida komuni dwar l-infurzar ta' din id-Direttiva.";

(15) jiddaħħlu l-Artikoli 10a, 10b, 10c u 10d li ġejjin:

*"Artikolu 10a*

**Rapportar**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi għodda elettronika ta' rapportar, għall-iskopijiet tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-sistema ta' infurzar prevista minn din id-Direttiva.

---

[37] Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

[38] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/253 tas-16 ta' Frar 2015 li tistipula r-regoli rigward il-kampjunar u r-rapportar skont id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut tal-kubrit tal-fjuwils marittimi (ĠU L 41, 17.2.2015, p. 55).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja relatata mal-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom tiġi rrapportata permezz tal-għodda elettronika ta' rapportar imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) informazzjoni relatata mas-segwitu mill-awtoritajiet kompetenti ta' allert mibgħut minn CleanSeaNet jew ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' segwitu ta' tali allert, malli jitlestew l-attivitajiet ta' segwitu;

(b) informazzjoni relatata mal-ispezzjonijiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 6, malli titlesta l-ispezzjoni;

(c) informazzjoni relatata mal-azzjonijiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 7, malli jitlestew tali azzjonijiet;

(d) informazzjoni relatata mal-penali imposti f'konformità ma' din id-Direttiva, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena għall-penali imposti matul is-sena kalendarja preċedenti. Sa fejn l-informazzjoni relatata mal-penali tinkludi *data* personali, tali informazzjoni għandha tiġi anonimizzata.

3. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-proċedura għar-rapportar tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, inkluż l-ispeċifikazzjoni tat-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi rrapportata, f'konformità mal-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 13.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet intitolati li se jkollhom aċċess għall-għodda ta' rapportar stabbilita fil-paragrafu 1.

*Artikolu 10b*

**Taħriġ**

Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri billi tipprovdi, kif xieraq, taħriġ lill-awtoritajiet responsabbli għad-detezzjoni, għall-verifika u għall-infurzar ta' ksur skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 10c*

**Pubblikazzjoni tal-informazzjoni**

1. Abbażi tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 10a, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku ħarsa ġenerali aġġornata regolarment madwar l-Unjoni dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva. Il-ħarsa ġenerali għandha tinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

2. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE[39], il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

[39] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

*Artikolu 10d*

**Protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur potenzjali**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u żżomm kanal ta' rapportar estern online kunfidenzjali biex tirċievi rapporti, skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1937[40] dwar ksur potenzjali ta' din id-Direttiva u għandha tgħaddi dawn ir-rapporti lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kkonċernat(i).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jirċievu rapporti ta' ksur ta' din id-Direttiva, sottomessi permezz tal-kanal imsemmi fil-paragrafu 1, jipprovdu feedback u segwitu dwar dawk ir-rapporti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1937.

3. Il-Kummissjoni tista' tillimita l-applikazzjoni tal-Artikoli 14 sa 22, 35, u 36, kif ukoll l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1725[41] għas-suġġetti tad-*data* li huma parti jew li huma msemmija fir-rapport ippreżentat permezz tal-kanal imsemmi fil-paragrafu 1 u li mhumiex is-suġġetti tad-*data* li jissottomettu dan ir-rapport. Din ir-restrizzjoni tista' tapplika biss għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jiġi investigat ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.;

(16) l-Artikolu 11 jitħassar;

(17) l-Artikolu 12 jitħassar;

(18) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

*"Artikolu 12a*

**Evalwazzjoni u rieżami**

1. Minn *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: 5 snin mid-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja]*, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq mill-inqas dan li ġej:

   (a) l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva; kif ukoll

   (b) l-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10a u l-ħarsa ġenerali lejn l-Unjoni kollha pprovduta f'konformità mal-Artikolu 10c.

2. Bħala parti mir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-possibbiltà li timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jekk ikun xieraq, fid-dawl, fost elementi oħra, tal-istandards internazzjonali għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-arja mill-vapuri soġġetti għal regolament mill-Marpol 73/78, b'mod partikolari l-emissjonijiet tal-ossidu tal-kubrit u tal-ossidu tan-nitroġenu mill-vapuri, kif ukoll fid-dawl ta' standards oħra li jirregolaw l-iskariki mill-vapuri li jkunu ġew soġġetti għal regolamentazzjoni permezz

[40] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

[41] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

tal-Marpol 73/78, bħall-karbonju iswed, l-iskart fil-baħar, it-telf tal-kontejners, it-telf tal-pellets tal-plastik u l-istorbju taħt l-ilma."

(19) l-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 13*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Vapuri (COSS), stabbilit bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002[42], il-COSS għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011[43].

2. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002;

(20) l-Artikolu 14 jitħassar;

(21) l-Artikolu 15 jitħassar;

(22) l-Anness uniku jitħassar;

(23) it-test fl-Anness I ta' din id-Direttiva jiżdied bħala l-Anness I;

(24) it-test fl-Anness II ta' din id-Direttiva jiżdied bħala l-Anness II.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]* il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva u kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

---

42 Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).

43 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

*Artikolu 3*

**Applikazzjoni tad-Direttiva 2009/123/KE**

Fir-rigward ta' ksur li għandu jitqies bħala reat kriminali skont id-Direttiva 2005/35/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE[44] u l-penali korrispondenti, l-Istati Membri mhux marbuta bid-Direttiva (UE) 2023/xxxx għandhom jibqgħu marbuta bid-Direttiva 2005/35/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

[44] ĠU L xxxx

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA "AĠENZIJI"

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar tniġġis ikkawżat mill-vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis |

## 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

| |
|---|
| Mobbiltà u Trasport – is-Sikurezza Marittima |

## 1.3. Il-proposta tirrigwarda

**☐ azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[45]**

**☑ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/ġdida**

## 1.4. Objettiv(i)

### *1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

| |
|---|
| L-objettiv ġenerali li tiġi emendata d-Direttiva 2005/35/KE huwa li jiġi żgurat li l-persuni responsabbli għall-iskariki ta' sustanzi niġġiesa fil-baħar ikunu soġġetti għal penali effettivi, proporzjonati u dissważivi, sabiex tittejjeb is-sikurezza marittima u biex tittejjeb il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar mit-tniġġis mill-vapuri. Ir-reviżjoni tikkontribwixxi lejn l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 14 ("Jiġu kkonservati u użati b'mod sostenibbli l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi marini għall-iżvilupp sostenibbli") u l-SDG 3 ("Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età"), u bid-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-prosekuzzjoni għall-SDG 16 ("Paċi, ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom"). |

### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

| |
|---|
| L-objettivi speċifiċi tar-reviżjoni huma li:<br><br>Jinkorporaw l-istandards internazzjonali fil-liġi tal-UE billi tallinja d-Direttiva mal-Annessi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) dwar l-iskariki fil-baħar.<br><br>Jappoġġaw lill-Istati Membri billi tibni l-kapaċità tagħhom li jidentifikaw inċidenti ta' tniġġis, jivverifikaw, jiġbru evidenza u jippenalizzaw b'mod effettiv lit-trasgressuri identifikati b'mod f'waqtu u armonizzat.<br><br>Jiżguraw li l-persuni (fiżika u ġuridika) responsabbli għall-iskariki illegali mill-vapuri jkunu soġġetti għal penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.<br><br>Jiżguraw simplifikazzjoni u rapportar effettiv dwar inċidenti ta' tniġġis mill-vapuri u attivitajiet ta' segwitu. |

[45] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Din il-proposta hija mistennija li ttejjeb l-effettività tal-penali u twassal għal kundizzjonijiet ekwivalenti billi tiżgura penali u livelli ta' penali armonizzati u proporzjonati li huma għoljin biżżejjed biex jiskoraġġixxu l-iskariku illegali.

Din il-proposta hija mistennija li twassal għal titjib ġenerali fl-effettività tal-verifika tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u b'hekk iżżid il-proporzjon ta' trasgressuri identifikati, kif ukoll tissimplifika u ttejjeb ir-rapportar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-effettività tad-Direttiva proposta, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 1, se tiġi ddeterminata abbażi tal-għadd ta' ksur u l-għadd ta' detezzjonijiet għaż-żejt, is-sustanzi likwidi noċivi, l-oġġetti imballati, id-drenaġġ, l-iskart u r-residwi tal-purifikaturi mormija mill-vapuri.

L-effettività tad-Direttiva proposta, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 2, se tiġi ddeterminata abbażi tal-għadd ta' verifiki għal kull Stat Membru (livell ta' verifika), l-għadd ta' trasgressuri identifikati bħala riżultat tal-verifika (in-niġġiesa identifikati), l-għadd ta' notifiki mill-informaturi u l-għadd ta' taħriġ u sessjonijiet ta' ħidma tal-EMSA.

L-effettività tad-Direttiva proposta, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 3, se tiġi ddeterminata abbażi tal-livelli ta' multi monetarji imposti u t-tipi ta' penali imposti.

L-effettività tad-Direttiva proposta, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 4, se tiġi ddeterminata abbażi tal-għadd ta' aġġornamenti għal kull Stat Membru fl-għodda ta' rapportar, l-għadd ta' skariki tal-vapuri rreġistrati fl-għodda ta' rapportar għal kull Stat Membru u l-għadd ta' fehmiet/żjarat fuq is-sit web pubbliku.

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-EMSA se tkun meħtieġa tistabbilixxi servizzi addizzjonali ta' monitoraġġ bis-satellita lill-awtoritajiet tal-Istati Membri minħabba l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u ttejjeb is-servizz CleanSeaNet biex timmonitorja u tidentifika aħjar is-sustanzi niġġiesa. L-EMSA se tkun meħtieġa tiżviluppa taħriġ u tiżviluppa dokumenti ta' gwida, filwaqt li taġġornahom b'mod regolari. Se tiżviluppa wkoll kanal ta' rapportar estern għall-informaturi, biex jippreżentaw informazzjoni dwar l-iskariki illegali possibbli u jittejbu s-Servizzi Marittimi Integrati. L-EMSA se tkun meħtieġa wkoll tiżviluppa u żżomm għodda ġdida ta' rapportar sabiex l-Istati Membri jirrapportaw dwar kull inċident ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri, kif ukoll tiżviluppa sit web biex iżżomm lill-pubbliku infurmat dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri.

B'kollox, se jkunu meħtieġa 9 FTEs biex jappoġġaw il-forniment tas-servizzi addizzjonali ta' monitoraġġ bis-satellita u 3 FTEs addizzjonali biex jappoġġaw l-iżvilupp tas-Servizzi Marittimi Integrati. Minn dawn, 1 se jkun meħtieġ fil-QFP li jmiss.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet).*

*Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

Approċċi nazzjonali diverġenti jistgħu jxekklu l-kooperazzjoni effiċjenti tal-Istati Membri u jippermettu lit-trasgressuri jaħarbu mill-penali. Il-vulnerabbiltà ogħla ta' xi reġjuni u l-kapaċità diverġenti tal-Istati Membri biex jivverifikaw u jipprosegwixxu każijiet ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri jagħmlu l-azzjoni tal-UE meħtieġa, speċjalment b'miżuri ta' akkumpanjament ta' appoġġ minn għodod diġitali komuni tal-EMSA. Minħabba n-natura internazzjonali tat-trasport marittimu, hemm ħtieġa ċara li jkun hemm qafas transfruntier li jiżgura trattament ugwali għall-operaturi tal-vapuri irrispettivament minn fejn seħħ l-inċident ta' tniġġis.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)

L-azzjoni tal-UE tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti u tiffaċilita l-verifika nazzjonali, u l-prosekuzzjoni kif ukoll l-infurzar transfruntier li jwassal għal penali iktar dissważivi. L-azzjoni tal-UE se tipprevedi valur miżjud ċar fil-ġlieda kontra t-tniġġis ikkawżat mill-vapuri li tipikament ikollu dimensjoni tranżnazzjonali meta mqabbel ma' dak li l-Istati Membri li jaġixxu waħedhom jistgħu jiksbu. Kjarifika ulterjuri tar-reġim ta' responsabbiltà tal-UE u sorveljanza bis-satellita mtejba li tkopri aktar tipi ta' sustanzi niġġiesa bis-saħħa tal-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-Direttiva f'konformità mal-MARPOL qed tiżgura implimentazzjoni aktar effiċjenti u effettiva tal-obbligi mill-Istati Membri.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-għodod tal-EMSA wrew li huma effiċjenti u ta' benefiċċju għall-Istati Membri fil-kuntest tal-ilħuq tal-objettivi tad-Direttiva. Iż-żieda fis-sorveljanza bis-satellita kkontribwiet għat-titjib tad-detezzjoni tal-iskariki illegali u indirettament għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri tal-ambjent tal-baħar. Madankollu, wara evalwazzjoni tad-Direttiva, l-objettivi tagħha, anki jekk adegwati, ma ntlaħqux bis-sħiħ u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat.

L-implimentazzjoni tas-servizz CleanSeaNet, għodda għas-sorveljanza bis-satellita kienet ta' suċċess, madankollu jenħtieġ li tiġi żviluppata aktar biex tkopri l-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-Direttiva.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni *ex post* huma riflessi fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din l-inizjattiva kif miġbur fil-qosor fit-Tabella 2.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Ir-reviżjoni proposta hija riżultat ewlieni tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, li tistabbilixxi l-viżjoni tal-UE għal sistema tat-trasport aktar sostenibbli tal-futur. L-istrateġija ħabbret li l-Kummissjoni qed tippjana li tibda rieżami kbir tal-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri fl-2022 (taħt l-Inizjattiva Ewlenija 2 – Noħolqu ajruporti u portijiet b'emissjonijiet żero). Dan itejjeb il-kwalità tal-arja lokalment u b'hekk jikkontribwixxi għal saħħa mtejba tar-residenti fil-viċin.

Ir-reviżjoni proposta se toħloq sinerġiji ma' partijiet oħra tal-qafas regolatorju tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2019/883 dwar il-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet, id-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali, id-Direttiva 2009/21/KE

dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera, id-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port u d-Direttiva 2009/18/KE dwar l-investigazzjoni ta' aċċidenti.

Il-proposta hija kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali kurrenti, għalkemm se teħtieġ riprogrammazzjoni fl-Intestatura 1 fir-rigward tal-kontribuzzjoni annwali lill-EMSA (tpaċija baġitarja bi tnaqqis kumpensatorju tal-infiq programmat taħt it-Trasport tal-FNE (02 03 01). L-impatt baġitarju tal-proposta attwali diġà huwa inkluż fil-baġit għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP attwali huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

L-impatt baġitarju ta' din l-inizjattiva jirreferi għar-riżorsi addizzjonali meħtieġa għall-istabbiliment ta' servizzi addizzjonali ta' monitoraġġ bis-satellita lill-awtoritajiet tal-Istati Membri permezz ta' aġġornament tas-servizz CleanSeaNet, l-għoti ta' taħriġ u gwida, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' għodda ġdida ta' rapportar, żviluppi ulterjuri tas-Servizzi Marittimi Integrati kif ukoll sit web ġdid biex il-pubbliku jinżamm infurmat dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri, u l-kompiti relatati tal-ġbir ta' *data*, tal-monitoraġġ u tar-rapportar taħt id-Direttiva proposta. Dawn huma kompiti ġodda għall-EMSA li se jsiru permanenti, filwaqt li l-kompiti eżistenti mhux se jonqsu jew jitneħħew parzjalment.

Il-ħtieġa addizzjonali ta' riżorsi umani ma tistax tiġi ssodisfata permezz ta' riallokazzjoni, filwaqt li l-ħtiġijiet baġitarji addizzjonali se jiġu ssodisfati permezz ta' tpaċija mill-programmi eżistenti ġestiti mid-DĠ MOVE taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

Iż-żieda fl-approprjazzjonijiet għall-EMSA se tiġi kkumpensata minn tnaqqis kumpensatorju tal-infiq programmat taħt it-Trasport tal-FNE (02 03 01). L-impatt baġitarju tal-proposta attwali diġà huwa inkluż fil-baġit għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP attwali huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

1.6. **Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

☐ durata limitata

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☑ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2025,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**[46]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

– ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

☑ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

| |
|---|
| Il-ġestjoni tad-Direttiva proposta se ssir b'mod ġenerali mis-servizzi tal-Kummissjoni megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima kif xieraq.<br>L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva sal-iskadenza rispettiva. |

[46] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-Kummissjoni u/jew l-EMSA se jivverifikaw li l-feedback għall-allerti ta' CleanSeaNet qed jiġi pprovdut mill-Istati Membri b'mod f'waqtu u effettiv u li l-informazzjoni dwar il-ġbir tal-evidenza u l-penali tittella' fuq l-għodda ta' rapportar b'mod regolari. Se jiġi żviluppat ukoll sit web tal-UE b'indikaturi ewlenin dwar ir-rata ta' implimentazzjoni u l-informazzjoni ewlenija mhux kunfidenzjali aġġornata regolarment b'*data* mill-għodda ta' rapportar biex il-pubbliku jinżamm infurmat dwar l-implimentazzjoni u dwar l-inċidenti ta' tniġġis.

L-EMSA, f'isem il-Kummissjoni, se twettaq żjarat lill-Istati Membri biex tivverifika l-operazzjonijiet fuq il-post. Ir-rapporti dwar iż-żjarat rispettivi se jidentifikaw kwalunkwe nuqqas u qasam għal titjib. L-EMSA se twettaq ukoll analiżi orizzontali u assistenza teknika, billi tagħti indikazzjoni ta' kif il-leġiżlazzjoni qed tiffunzjona u qed tidentifika lakuni u x'jista' jsir biex dawn jiġu indirizzati, u tirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni fi grupp ta' esperti se tiżviluppa atti ta' implimentazzjoni u linji gwida interpretattivi biex tiżgura implimentazzjoni armonizzata mill-Istati Membri.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-effiċjenza tagħha u għall-proposta ta' reviżjonijiet fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni se tkun assistita mill-EMSA kif xieraq biex tipprovdi s-servizzi tal-IT u tiżviluppa l-għodod tal-IT meħtieġa għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rapportar, il-monitoraġġ u l-verifika tad-Direttiva proposta, kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' taħriġ. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jwettqu t-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sal-iskadenza msemmija fid-Direttiva. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa wkoll iwettqu infurzar, b'mod partikolari billi japplikaw penali amministrattivi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità. L-attivitajiet ta' infurzar jistgħu jitwettqu bħala parti mill-ispezzjonijiet eżistenti, b'mod partikolari matul il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Filwaqt li l-Kummissjoni se tkun responsabbli b'mod ġenerali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u l-konformità, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima se tkun responsabbli għat-twettiq tal-operat tagħha u għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern tagħha. Se jkun meħtieġ li jiġu żviluppati għodod u moduli tal-IT, kif ukoll li jiġi pprovdut taħriġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jwettqu infurzar.

L-EMSA tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex twettaq ir-rapportar u l-valutazzjoni tal-kompiti ta' konformità, minħabba li din se tkun ħidma teknika, li tirrikjedi għarfien espert qawwi fil-ġestjoni tad-*data*, kif ukoll fehim fil-fond ta' kwistjonijiet tekniċi kumplessi relatati mal-iskariku illegali u t-tniġġis ikkawżat mill-vapuri.

L-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex iwettqu l-infurzar tad-Direttiva proposta, b'mod partikolari b'mod armonizzat permezz ta' skambju ta' informazzjoni u esperjenza u billi jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom bħala partijiet għall-MARPOL.

Id-DĠ MOVE se japplika l-kontrolli meħtieġa f'konformità mal-istrateġija ta' superviżjoni adottata fl-2017 dwar ir-relazzjonijiet tad-DĠ mal-aġenziji deċentralizzati u l-Impriżi Konġunti. Skont l-istrateġija, id-DĠ MOVE jimmonitorja l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit, ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u l-kwistjonijiet amministrattivi. L-Aġenzija tipprovdi rapport fuq bażi biannwali. Il-kontrolli mwettqa fuq is-superviżjoni tal-Aġenzija kif ukoll fuq il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja relatata huma konformi mal-Istrateġija ta' Kontroll tad-DĠ MOVE, aġġornata fl-2022.

Ir-riżorsi addizzjonali mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-EMSA se jkunu koperti mis-sistema ta' kontroll interna u ta' ġestjoni tar-riskju tal-EMSA li hija allinjata mal-istandards internazzjonali rilevanti u tinkludi kontrolli speċifiċi sabiex jiġi evitat il-kunflitt tal-interessi u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-informaturi.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-pagamenti u fl-għeluq)*

Skont id-Direttiva proposta, se jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali lill-EMSA, li se tkun qed tiżviluppa għodod u moduli tal-IT, kif ukoll tipprovdi taħriġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

L-EMSA għandha responsabbiltà sħiħa għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom, filwaqt li d-DĠ MOVE huwa responsabbli għall-pagament regolari tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità Baġitarja. Il-livell mistenni ta' riskju ta' żball fil-pagament u fl-għeluq huwa simili għal dak marbut mas-sussidji baġitarji pprovduti lill-Aġenzija.

Il-kompiti addizzjonali li jirriżultaw mir-reviżjoni proposta ma humiex mistennija jiġġeneraw kontrolli addizzjonali speċifiċi. Għalhekk, il-kost tal-kontroll għad-DĠ MOVE (imkejjel skont il-valur tal-fondi ġestiti) huwa mistenni li jibqa' stabbli.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Id-Direttiva proposta tirregola l-prevenzjoni tat-tniġġis u għalhekk ma hija inkluża l-ebda miżura speċifika kontra l-frodi.

L-EMSA tapplika l-prinċipji kontra l-frodi tal-Aġenziji deċentralizzati tal-UE, f'konformità mal-approċċ tal-Kummissjoni. F'Marzu 2021, l-Aġenzija adottat Strateġija aġġornata Kontra l-Frodi, ibbażata fuq il-metodoloġija u l-gwida għall-istrateġija kontra l-frodi ppreżentata mill-OLAF kif ukoll fuq l-Istrateġija Kontra l-Frodi tad-DĠ MOVE. Din tipprovdi qafas li jindirizza l-kwistjonijiet ta' prevenzjoni, detezzjoni u kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet ta' frodi fil-livell tal-Aġenzija. L-EMSA kontinwament tadatta u ttejjeb il-politiki u l-azzjonijiet tagħha biex tippromwovi l-ogħla livell ta' integrità tal-persunal tal-EMSA, tappoġġa l-prevenzjoni effettiva u l-identifikazzjoni tar-riskju ta' frodi u tistabbilixxi l-proċeduri xierqa biex tirrapporta u tittratta każijiet potenzjali ta' frodi u l-eżitu tagħhom. Barra minn hekk, fl-2015, l-EMSA adottat il-politika tagħha dwar il-Kunflitt ta' Interess għall-Bord tat-Tmexxija.

L-EMSA tikkoopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet. Il-Kummissjoni se tiżgura li din il-kooperazzjoni tkompli u tissaħħaħ.

Id-Direttiva proposta fiha regoli ċari u dettaljati dwar l-infurzar legali sabiex jiġi żgurat li l-obbligi li fiha ma jinqabżux mill-operaturi ekonomiċi. Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm fis-seħħ miżuri xierqa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, frodi jew ksur tal-obbligi, permezz tan-notifika tagħhom.

Il-Kummissjoni se tieħu wkoll miżuri xierqa biex tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u ppubblikata.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff[47]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[48] | mill-pajjiżi kandidati jew mill-kandidati potenzjali[49] | Minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| 1 | 02 10 02 | Mhux diff. | IVA | LE | LE | LE |

[47] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[48] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[49] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati jew mill-kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1 | Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali |
|---|---|---|

| Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) | | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena **2028-2034** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: | Impenji | (1) | 0,513 | 1,881 | 1,881 | 14,364 | **18,639** |
| | Pagamenti | (2) | 0,513 | 1,881 | 1,881 | 14,364 | **18,639** |
| Titolu 2: | Impenji | (1a) | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | |
| Titolu 3: | Impenji | (3a) | 6,450 | 7,050 | 7,250 | 46,650 | **67,400** |
| | Pagamenti | (3b) | 6,450 | 7,050 | 7,250 | 46,650 | **67,400** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-EMSA** | Impenji | =1+1a + 3a | 6,963 | 8,931 | 9,131 | 61,014 | **86,039** |
| | Pagamenti | =2+2a +3b | 6,963 | 8,931 | 9,131 | 61,014 | **86,039** |

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP attwali huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi Umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTAL tad-DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | | | | | | | | |

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena **2028-2034** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 6,963 | 8,931 | 9,131 | 61,014 | **86,039** |
| | Pagamenti | 6,963 | 8,931 | 9,131 | 61,014 | **86,039** |

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP attwali huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.

### *3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-EMSA*

– ☑Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Ammonti f’miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[50] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1[51]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

50 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).

51 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi …”

Fejn applikabbli, l-ammonti jirriflettu s-somma tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-aġenzija u dħul ieħor tal-aġenzija (tariffi u imposti).

*3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-EMSA*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali) Meta applikabbli, l-ammonti jirriflettu t-total tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-aġenzija u dħul ieħor tal-aġenzija (tariffi u imposti).

| | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028-2034 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi AD) | 0,428 | 1,539 | 1,539 | 11,97 | 15,476 |
| Aġenti temporanji (Gradi AST) | 0,086 | 0,342 | 0,342 | 2,394 | 3,164 |
| Aġenti kuntrattwali | | | | | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | |
| **TOTAL** | **0,514** | **1,881** | **1,881** | **14,364** | **18,64** |

<u>L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP attwali huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.</u>Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

| | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028-2034 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi AD) | 5 | 9 | 9 | 10 | **10** |
| Aġenti temporanji (Gradi AST) | 1 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Aġenti kuntrattwali | | | | | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | |
| **TOTAL** | **6** | **11** | **11** | **12** | **12** |

<u>L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP attwali huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur.</u>

L-EMSA se tibda tħejji r-reklutaġġ malli tiġi adottata l-proposta. Il-kostijiet huma stmati abbażi tas-suppożizzjoni li s-6 FTEs jiġu reklutati mill-1 ta' Lulju 2025. Għalhekk 50 % biss tal-kostijiet fuq ir-riżorsi umani huma meħtieġa għall-ewwel sena.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tingħata f'ammonti sħaħ (jew l-iktar l-iktar għal pożizzjoni deċimali waħda)*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | |
| 20 01 02 01 u 20 01 02 02 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| • **Persunal estern (f'unità ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[52] | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| Linja/i baġitarja/i (speċifika)[53] - fil-Kwartieri Ġenerali[54] | | | | | | | |
| Linja/i baġitarja/i (speċifika)[53] - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **01 01 01 02** (AC, END, INT – Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | |

52 AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

53 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

54 Prinċipalment għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | |
| Persunal estern | |

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE jenħtieġ li tiġi inkluża fit-Taqsima 3 tal-Anness V.

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Il-kompiti allokati lill-EMSA se jeħtieġu programmazzjoni mill-ġdid tal-linja baġitarja għall-kontribuzzjoni annwali lill-Aġenzija (02 10 02) skont il-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti. Iż-żieda fl-approprjazzjonijiet għall-EMSA se tiġi kkumpensata bi tnaqqis kumpensatorju tal-infiq programmat taħt it-Trasport tal-FNE (02 03 01) taħt il-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti. L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP attwali huwa ħarsa ġenerali indikattiva, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar il-QFP futur. |

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[55].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[55] Ara l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[56] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul “assenjat” mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

[56] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta’ 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.